# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

APRIL 2002 • IT-22 SENA • GĦADD 219 • NEWSPAPER POST



*Mulejja, tkun imfaħħar f'ħuna r-Riħ*
*fiż-żiffa u fl-isħab, fil-bnazzi, f'kull tibdil,*
*li minnu tgħajjex Inti kull maħluq.*

*San Franġisk - L-Għanja tal-Ħlejjaq 6*
















# Werrej


3 **Dufett**
*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap*

4 **Il-Mulej Qam Tassew!**
*minn P. Donat Spiteri OFMCap*

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

8 **Il-Mixja bis-Salib (2)**
*minn P. Hilary Abela OFMCap*

9 **Jiktbulna l-Missjunarji**

10 **Patri Piju, Konfessur u Penitent**
*minn Mary u Joe Mallia*

12 **Tifkira ta' P. Kerubin Ellul OFMCap**
*minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap*

14 **F'riġlejn Ġesù**
**Il-Ħaruf ta' l-Għid Tagħna**
*minn P. Charles Delia SJ*

15 **Knejjes u Monumenti ddedikati lil San Franġisk t'Assisi fil-Filatelija**
*minn P. Martin Micallef OFMCap*

19 **Ridt tarbija akkost ta' kollox**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

20 **Kuba u l-Istorja tagħha (6)**
*minn P. Philip Cutajar OFMCap*

22 **Ġużeppi - Ifisser il-Ħolm**
*minn Mons. Lawrenz Sciberras*

24 **San Franġisk u t-Talb**
*minn P. Frans Abela Giusti OFMCap*

25 **Id-delużjonijiet f'ħajjitna**
*minn Marisa Degabriele Gi.Fra.*

26 **Aħbarijiet Kapuċċini**

27 **Mill-Ittri tal-Qarrejja**

28 **Tini Jdejk**
*minn Jeanette Falzon*

30 **Is-skiet li aħna ngħixu fih**
*minn Profs. Oliver Friggieri*

30 **Tisliba**
*minn P. Wistin Attard OFMCap*

31 **Is-Sejħa għall-qdusija**
*Messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II*

32 **Borża ta' Studju**



**DAWL FRANĠISKAN**

**APRIL 2002**
**It-22 sena • Għadd 219**




**Qoxra 1:**
***Mulejja, tkun imfaħħar f'Ħuna r-Riħ***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Maria Mercieca ofs
Dorian Holland ofs
Ruth Delia gi.fra.
Noel Pace



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, FGURA - 21 677577
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083



Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif iehor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

Editorjal — minn Fr. Joe Alessandro OFMCap

# Dufett

"Din x'kelma hi?" nisthajlek tgħidli. "Forsi ħadt żball u ridt tgħid 'difett'?". Le, ma ħadtx żball. Għalkemm din il-kelma ma teżisti fl-ebda dizzjunarju, iżda hija kelma li jien sawwart minn żewġ kelmiet: dudu u farfett. Huma żewġ kelmiet differenti iżda li jitkellmu minn ħajja waħda.

Ilkoll nafu li qabel ma jibda jeżisti, il-farfett l-ewwel ikun dudu. Id-dudu, li dejjem jitkaxkar u jaqbad jew ma' l-art jew ma' xi ħaġa fissa, igħaddi minn proċess li fih qisu jmut, għax jingħalaq fil-fosdqa, biex imbagħad joħroġ f'għamla ġdida ta' farfett ħafif itir.

F'din il-mervalija li sseħħ taħt għajnejna, jiena nara lili nnifsi, li għalissa għadni fil-fażi tad-dudu; għadni hawn fl-art imwaħħal ma' l-affarijiet. Iżda jiġi mument fejn qisni mmut, ningħalaq fil-fosdqa (il-qabar) biex imbagħad inkompli ngħix ħajja ġdida, differenti, meħlus minn kull ħaġa li twaħħalni u torbotni magħha. Forsi tgħidli: "Dan int kif taf x'ser igħaddi mingħalik? Li qed tgħix u li trid tmut hija ħaġa ċerta, veru, imma, li tibqa' tgħix f'ħajja oħra wara l-mewt, kif taf?"

Aħna, li nemmnu fi Kristu l-Mulej, nemmnu li kif hu għex il-ħajja ta' din l-art, miet, u mbagħad qam rebbieħ u daħal fil-glorja għal dejjem, hekk ukoll jien, int u kull min jemmen, għad irridu ngħaddu min hawn għal hemm permezz tal-mewt tagħna.

Barra mill-mewt fiżika, li minnha ħadd ma jista' jaħrab, hemm mewt, jew aħjar imwiet oħra. Fil-ħajja jkollna mmutu għal diversi affarijiet, fis-sens li jkollna nitilqu affarijiet biex nakkwistaw ħwejjeġ oħra. Dan iseħħ f'kull aspett tal-ħajja, kemm f'dak materjali, kemm f'dak affettiv, kif ukoll f'dak spiritwali. Jekk aħna nibqgħu imwaħħlin, anzi mkaħħlin ma' oġġetti, ideat, sitwazzjonijiet u ma nafx xhiex, allura nibqgħu ngħixu bħad-dudu, nagħmlu ħafna passi żgħar u mgħaġġlin, u nimxu ftit. Iżda meta mmutu għalina nfusna, f'kull sens, allura mbagħad inkunu ħielsa bħal farfett.

Jekk dan il-proċess inqegħduh f'idejn Alla, allura nkunu żguri li jirnexxielna, dejjem bl-għajnuna tiegħu.

Nintelqu mela f'idejH u nkunu isbaħ u eħfef! ❑



*Bibbja*

# "Il-Mulej Qam Tassew!"

minn P. Donat SPITERI OFMCap

***"Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun! (Lq 24, 34). Din hi l-affermazzjoni assoluta u kategorika ta' l-Evanġelju ta¥na. Il-qawwa ta¥ha qie¥da fuq il-kelma "tassew". Il-kelma Griega òntos, li naqraw fit-test oriġinali, tfisser xi ħaġa reali u assolutament ċerta, li hekk hi tassew u bla dubju ta' xejn (ara Lq 33, 47; Ġw 8, 36; Gal 3, 21). Hekk hu l-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet. L-Evanġelisti ma j¥idux biss il-kelma "tassew" biex jaffermaw ir-realtà tal-qawmien ta' Ġesù mill-mewt, iżda bi kliem u b'rakkonti ta' qawwa kbira juru li huma fehmu jaffermaw il-verità assoluta ta' dan l-akbar miraklu.***



*Ġesù jidher lil Marija Maddalena. Affresk ta' Giotto, Padova.*

## Il-qabar vojt

L-ewwel storja hi dik tal-qabar vojt. Meta marru n-nisa u mbagħad l-appostli Pietru u Ġwanni l-qabar sabuh vojt, u l-ġisem ta' Ġesù ma kienx hemm. B'daqshekk ma kienx ifisser li Ġesù kien qam mill-mewt. Il-fatt tal-qabar vojt seta' jiġi mfisser b'xi mod ieħor.

Seta' kien xi ħadd li seraq il-ġisem tiegħu jew ħadu band'oħra. Hekk ħasbet għall-ewwel Marija ta' Magdala (Ġw 20, 2.15) u, kif jidher, l-appostli wkoll (Lq 24, 11-12). Il-fatt tal-qabar vojt kien għalihom okkażjoni biex jaħsbu u jitħassbu u biex jitħejjew għad-dehriet ta' Ġesù.

## Id-dehriet

Kienu d-dehriet li kkonvinċew l-appostli li Ġesù, li miet tassew, qam tassew mill-mewt u reġa' ħa l-ħajja. Fir-rakkonti tad-dehriet li kitbu fl-Evanġelji l-awturi tagħhom juru li huma fehmu jippreżentawhom bħala fatti veri, konkreti u reali. Dak li dehrilhom kien tassew Ġesù ta' Nazaret, li miegħu huma kielu u xorbu mhux biss fil-ħajja ta' qabel mewtu, iżda wkoll fil-ħajja ta' wara mewtu (Atti 10, 41).

"Huma ressqulu quddiemu biċċa ħuta mixwija, u hu ħadha u kielha quddiemhom" (Lq 24, 34; ara Ġw 21, 9-13). B'din l-azzjoni materjali Ġesù ried jurihom li hu kien tassew u l-istess wieħed li kien magħhom f'ħajtu. Hekk ukoll meta wriehom idejh u riġlejh u qalilhom biex imissuh (Lq 24, 36-40; Ġw 20, 27; Mt 28, 9). Kien hu , mhux xi fantażma kif ħasbu għall-ewwel id-dixxipli; kien hu tassew bil-ġisem veru tiegħu (Lq 24, 37-39).

## "Xi wħud iddubitaw"

Madankollu l-appostli u d-dixxipli l-oħra sħabhom ma qabdux u emmnu mill-ewwel u bla ħsieb ta' xejn li Ġesù ta' Nazaret, li kien miet tassew, qam mill-mewt tassew. In-nisa, li lilhom Ġesù deher l-ewwel, emmnu mill-ewwel (Mt 28, 9; Mk 16, 10; Ġw 20, 16). Imma, meta n-nisa marru jagħtu l-aħbar lid-dixxipli, dawn ma emmnuhomx (Mk 16, 11; Lq 24, 22-23).

U mqar meta Ġesù deher lilhom, "xi wħud iddubitaw" (Mt 28, 17). Ġesù kellu jċanfarhom "talli kienu nieqsa mill-fidi u hekk rashom iebsa li ma emmnux lil dawk li kienu rawh wara li qam mill-mewt" (Mk 16, 14). U Tumas ried jara b'għajnejh u jmiss b'idejh biex jemmen (Ġw 20, 24-28).

L-appostli u d-dixxipli li ma emmnux mill-ewwel kienu, biex ngħidu hekk, l-ewwel "xettiċi". Warajhom kullimkien u f'kull zmien dehru minn dawk li rawha bi tqila jemmnu li Ġesù qam mill-mewt.

U tassew, għandna nagħrfu li mhijiex ħaġa ħafifa taqbad u temmen li wieħed, li jkun miet tassew, jerġa' jieħu l-ħajja u jqum mill-mewt. Imma din hi kwistjoni ta' rivelazzjoni u ta' fidi.

## Ġisem glorjuż

Lill-Korintin, li kienu qegħdin jiddubitaw mill-qawmien mill-mewt, San Pawl kitbilhom: "Sa nħabbrilkom misteru" (1Kor 15, 51). Misteru hu xi ħaġa li nafuha għax tkun ġiet irrivelata lilna, imma mhux għax nifhmuha; nemmnuha bħala fatt veru, imma ma nifhmux il-kif u l-għaliex. Madankollu San Pawl ipprova jfehemhom xi ftit lill-Korintin biex jgħinhom fid-diffikultajiet tagħhom.

Biex jifhmuh aħjar, ġabilhom l-eżempju taż-żerriegħa. Din tinżera' u tmut. Imma mill-mewt tagħha toħroġ ħajja ġdida (1 Kor 15, 36-38). Dan l-istess eżempju qiegħed fuq il-fomm ta' Ġesù fl-Evanġelju ta' San Ġwann, fuq iż-żerriegħa li tmut u terġa' toħroġ imżejna b'ħajja ġdida (Ġw 12, 24).

U jkompli Pawlu: "Hekk ukoll hu l-qawmien mill-imwiet: jinżera' ġisem li jitħassar, iqum ġisem li ma jitħassarx, jinżera' fil-għajb, iqum fil-ġieħ; jinżera' fid-dgħufija, iqum fis-saħħa; jinżera' ġisem naturali, iqum ġisem spiritwali" (1 Kor 15, 42-24). "Ġisem spiritwali (*sòma pnewmatikòn*). Din l-espressjoni hi fiha nnifisha kontradittorja. Jew hu ġisem, materjali, jew hu spirtu, spiritwali. Imma hawn hu l-misteru u l-miraklu, li l-ġisem fil-qawmien mill-imwiet isir hu wkoll "spiritwali" jew jiġi spiritwalizzat; jiġi maħkum, biex ngħidu hekk, mill-ispirtu li jagħnih bl-istess kwalitajiet tar-ruħ li hi spirtu; iżejnu bl-ispiritwalità, bl-immortalità u bl-inkorruttibiltà. Isir ġisem glorjuż.

Fid-dawl ta' din il-preżentazzjoni li jagħtina San Pawl nistgħu nifhmu kif Ġesù deher lid-dixxipli, li kienu miġburin f'kamra flimkien, u daħal fuqhom "bil-bibien magħluqa" (Ġw 20, 19.26). Il-"ġisem spiritwali", mogħni bil-kwalitajiet ta' l-ispirtu, jidħol u jidher kullimkien bla ma jkollu bżonn min jiftaħlu l-bieb. Hekk ukoll Ġesù, meta qam mill-mewt, ħareġ mill-qabar magħluq u ssiġillat sewwa (Mt 27, 66).

## Fatt metastoriku

"Bil-qawmien mill-imwiet Ġesù ma reġax lura għas-sura tal-ħajja ta' l-art, kif kienu l-qawmien mill-imwiet li seħħew qabel l-Għid: bint Ġajru, iż-żagħżugħ ta' Najn u Lazzru. Dawn kienu mirakli, u dawk, imqajmin mill-mewt bil-qawwa ta' Ġesù, reġgħu lura għall-ħajja ordinarja fid-dinja. F'xi mumenti kellhom jerġgħu jmutu. Il-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet hu ħaġa essenzjalment differenti. Fil-ġisem irxuxtat tiegħu Ġesù, bil-qawmien mill-imwiet, jgħaddi minn stat ta' mewt għal stat ta' ħajja 'l hemm mill-ispazju u ż-żmien. Il-ġisem ta' Ġesù fil-qawmien mill-imwiet hu mimli bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, hu msieħeb fil-ħajja ta' Alla fi stat ta' glorja, hekk li San Pawl jista' jgħid għal Kristu li hu bniedem tas-sema" (Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n. 169).

Bil-qawmien tiegħu mill-mewt Ġesù għadda għal stat ta' ħajja oħra differenti minn dik li kellu qabel. Għadda għal ħajja sopranaturali u tranxendentali. Biex inkunu aktar eżatti mal-kritika storika nippreferixxu nħarsu lejn il-qawmien ta' Ġesù mill-mewt, kif jagħmlu ħafna, bħala "fatt metastoriku". Hu fatt veru u reali. "Il-Mulej qam tassew!" Imma hu fatt li jaqbeż il-limiti ta' l-istorja u jmur 'il hemm miż-żmien; jidħol fl-isfera ta' ħajja oħra li ma taqax taħt il-kriterju ta' l-istorja. Il-fatt tal-qawmien ta' Ġesù mill-mewt ma nippruvawhx bid-dati ta' l-istorja. L-istorja tidħol ukoll bħala bażi ta' dan il-fatt. L-istorja tal-qabar vojt u r-rakkonti tad-dehriet ta' Ġesù lid-dixxipli. Hu għax-xhieda tagħhom kif inhi mogħtija fl-Evanġelji li aħna nemmnu li Ġesù qam mill-imwiet (Ġw 20, 18; Atti 10, 41). Il-qawmien ta' Ġesù mill-mewt, bħala fatt tranxendentali u metastoriku, hu aktar oġġett ta' fidi milli ta' storja.

"Il-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet hu fatt storiku, ippruvat mill-qabar vojt u mil-laqgħat tassew ta' l-appostli ma' Kristu Rxoxt, iżda jibqa' dejjem fil-qalba tal-misteru tal-fidi f'dak li hu 'l fuq mill-istorja u jissuperaha" (Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n. 169). ❑


*Ġesù jidher lil San Tumas. Pittura ta' Pieter Paul Rubens.*

# Teleskopju fuq il-Ħajja



minn P. William AXIAQ OFMCap

Li tgħix tfisser taħseb. Hekk kien qal Ċicerun, awtur Ruman kbir. Il-ħajja ta' kuljum tisfidana biex nirriflettu. Madwarna jkunu qegħdin jiġru affarijiet li jġegħluna nagħmlu hekk bilfors, kważi mingħajr ma rridu.

## 1 ĊERTI TFAJLIET RUSSI F'MALTA

"Tassew li l-misteru tal-ħażen ġa qiegħed jaħdem" (2 Tess 2, 7). Hekk jikteb San Pawl f'waħda mill-ittri tiegħu. Dan juri ruħu b'diversi modi u manjieri, iżjed u iżjed fi żmienna, meta l-ħażen ma baqax sparpaljat imma sar organizzat għall-aħħar.



Fi gżiritna hawn ċerti proprjetarji ta' lukandi li qegħdin iġibu tfajliet Russi għall-prostituzzjoni biex jagħmlu lant bihom. Persuni li jaħdmu ma' ċerti rappreżentaturi biex itellgħu ċerti programmi popolari ħafna fuq it-televiżjoni ta' Malta ġieli intervistaw tfajliet bħal dawn li mbagħad semmgħu leħinhom matul il-programm.

Proprjament x'inhu jiġri? Fir-Russja hemm tfajliet li jixtiequ jistudjaw imma ma għandhomx flus biex ilaħħqu ma' l-ispejjeż ta' l-università. Minħabba f'hekk, dawn it-talin iddeċidew li jagħtuha għall-prostituzzjoni sa ċertu żmien sakemm idabbru somma flus ġmielha. Wara li jkunu faddlu flus mhux ħażin, jieqfu mill-prostituzzjoni, jerġgħu lura lejn pajjiżhom fejn ikunu jistgħu jew jibdew jew ikomplu l-istudji universitarji tagħhom bla diffikultà ta' xejn għax finanzi jkollhom bir-radam. Ċerti sidien ta' ċerti lukandi kienu jafu b'dan kollu u stiednu numru ta' tfajliet Russi biex jiġu pajjiżna u jagħtuha għall-prostituzzjoni. Aċċertawhom li hawnhekk ikollhom ħafna xogħol għax huma ħafna l-irġiel Maltin li jfittxu l-prostituti.

Din il-ħaġa konna diġà smajna biha fl-Istati Uniti ta' l-Amerika. Ċerti tfajliet tant kellhom spejjeż ta' *stationery* li tawha perjodikament għall-prostituzzjoni biex jaqilgħu flus bl-għama u jkunu jistgħu jlaħħqu sew mal-miżata ta' l-università, barra spejjeż oħrajn.

Din il-ħaġa barra li hija moralment ħażina u tagħmel riklam ikrah lill-gżejjer Maltin, ma tagħmilx tajjeb lill-istudenti tagħna. Fosthom jista' jkun hemm xi wħud li ma jridu xejn biex jibdew jitwebblu minn użanza pagana bħal din.

L-awtorità kompetenti, li żgur taf b'dak li qed jiġri, x'qiegħda tagħmel biex twaqqaf dan l-abbuż faħxi? X'miżuri serji qiegħda tieħu?

Mulej, ġagħalni nifhem li fil-ħajja tiegħi l-fini qatt ma jista' jiġġustifika l-mezzi.

## 2 *INSOMNIA* U MEZZI ELETTRONIĊI

Fil-ħajja hawn nies li bil-lejl jorqdu daqs bumarin. Oħrajn jiksru l-lejl diversi drabi għax ngħashom ħafif. Imma hawn oħrajn li ma jorqdu xejn, avolja jieħdu pilloli apposta ta' l-irqad.

X'uħud minn dawn ta' l-aħħar qegħdin ifitxxu soluzzjoni għal din il-problema tagħhom b'mod ħażin. Qegħdin jirrikorru għal programmi pornografiċi jew fuq l-*internet* jew fuq it-televiżjoni. B'hekk il-lejl ma jarawhx għaddej peress li huwa tqil tabilħaqq.

Dawn it-talin, mingħajr ma huma jindunaw, qegħdin



iżidu u jikkomplikaw il-problema tagħhom. Barra dik ta' l-irqad, li ma ġabuhiex b'idejhom huma stess, issa qegħdin joħolqu problema morali u, f'dan il-każ, qegħdin joħolquha huma stess. X'uħud minn dawn it-talin qegħdin jimlew dnubiet l-aħħar żmien ta' ħajjithom, meta suppost dan iż-żmien iżjed għandhom jibżgħu għalih billi jżommuh 'il bogħod minn kull ħażen għaliex huwa l-aħħar staġun ta' ħajjithom.

Dawn l-individwi, kollox sew m'humiex jorqdu, imma għandhom ikunu jafu li qegħdin iraqqdu l-kuxjenza tagħhom bil-mod kif qegħdin iġibu ruħhom matul il-lejl. Bit-tfittix regolari ta' programmi pornografiċi jew moralment oġġezzjonabbli qegħdin jilluppjaw l-ispirtu tagħhom, u ma jaqblilhomx.

Dawn il-persuni jagħmlu tajjeb jiftakru dawk il-kelmiet li ħarġu minn fomm iż-żagħżugħ profeta Danjel meta lil wieħed miż-żewġt ixjuħ li xxennqu b'mod żieni għal Susanna, għax ma kkontrollawx għajnejhom fuqha, qallu: "Ja nisel il-Kangħanin u mhux mil-Lhud, il-ġmiel għamiek u l-passjoni ħassritlek qalbek!" (Dan 13, 56). Ikun jaqblilhom ukoll iżommu quddiem għajnejhom kliem il-Ktieb ta' l-Għerf meta jgħid: "Għax is-seħer tal-ħażen idallam it-tajjeb, u l-irwiefen tal-passjoni jdawru l-moħħ bla qerq" (4, 12).

**Agħmel, Mulej, li qatt ma nħalli l-mezzi elettroniċi ta' llum iħassruli qalbi, l-aktar bil-lejl.**

## 3 *MOBILE* U MESSAĠĠI

Il-*mobile* xtered mad-dinja kollha. Qegħdin fil-*boom* tiegħu speċjalment fl-Ewropa, bis-saħħa tal-*GSM (Global System for Mobiles)*, tal-kumpanija Finlandiża *Nokia Mobile Phones* li tipproduċihom u tal-*Fodafone Brittanika* li hija *the world's largest mobile-operating company.*

Il-*mobile*, tista' tgħid, ħa post il-*fixed-line phones*. Il-*biddly-biddly-beep* taċ-cellulari sar qisu l-*background music* ħafifa fir-ritmu tal-ħajja dinjija u l-aktar Ewropea. F'daqqa waħda tant sar komuni li nħolqot il-mania tiegħu. Allaħares ma jkollokx *telecell* f'idejk, x'aktarx mal-pakkett tas-sigaretti, għax ma tħossokx f'dinja!

Imma issa x'uħud, anki kbar, qed jaqgħu fl-assurdità u l-banalità u jġagħluk tidħaq kullimkien, speċjalment fit-triq u fuq il-karozza tal-linja. Moħħhom biex jibagħtu l-messaġġi lill-oħrajn li, kif nafu, jidhru fuq l-i*screen* ċkejken tal-*mobile*. Ħafna drabi meta ssir taf fiex jikkonsistu dawn il-messaġġi tibda tinduna li proprjament ma jkunu messaġġi *(txt msg)* xejn, imma diskors futili u bla sugu. Il-kelma messaġġ fiha tifsira serja, imma x'uħud waqqgħuha għar-ridiklu bl-użu manijaku u kompulsiv tal-*mobile*. Il-messaġġ huwa tassew hekk meta jolqot il-ħajja kollha kemm hi tal-persuna li tirċevih, bħalma kapaċi tagħmel tassew il-Kelma ta' Alla, u mhux meta jwassal sempliċi informazzjoni ħafna drabi banali. Imma issa bil-*mobile* x'uħud skoprew, minn għalihom, is-siwi tal-kelma "messaġġ" meta diġà waqgħet fl-*inflation*!

Dan ikompli jfisser li x'uħud moħħhom wisq fil-messaġġi tal-bnedmin irreġistrati fuq il-*mobiles* u mhumiex jintebħu li l-messaġġi veri huma dawk miktuba fuq qalbhom mhux bl-elettronika imma bl-ispirtu ta' Alla ħaj (2 Kor 3, 3). Fil-Kotba Mqaddsa, dwar il-messaġġi li jibagħtilna Alla, naqraw: "Il-kelma qiegħda ħdejk, f'fommok u f'qalbek" (Rum 10, 8).

Kieku x'uħud jagħtu kas u importanza tal-messaġġi li joħorġu kontinwament mill-Bibbja iżjed milli jagħtu lil dawk li jibagħtulhom il-familjari u l-ħbieb tagħhom permezz tal-*mobile*, kieku iżjed insara jaqbdu aktar il-Bibbja f'idejhom milli l-*mobiles* biex jaraw x'messaġġi qed iwasslilhom il-Mulej fiċ-ċirkustanzi ta' ħajjithom, kieku mmorru ferm itjeb milli sejrin bit-taparsi messaġġi tal-*mobiles*. Dawn ħafna drabi jkunu logħob tat-tfal, fanfarunati, wirja u affermazzjoni personali. Imma mur fehemhom lil ċerti nies!

**Mulej, għinni ħalli f'ħajti nagħti widen għall-messaġġi tiegħek u mhux noqgħod nintilef fuq il-kliem fieragħ tal-bnedmin.**






# Il-mixja bis-Salib

minn P. Hilary ABELA OFMCap

IT-TIENI PARTI

***Wara li fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu rajna kif oriġinat il-mixja bis-Salib f'jum il-Ġimgħa l-Kbira, u kif din il-mixja kienet ta' għajnuna kbira lill-koppja ta' Ġanni u martu Marija u l-familja tagħhom, issa naraw x'effett kellha fuq nies oħra.***





## Xita għall-bdiewa

Il-bdiewa li għandna magħna huma nies bieżla. Fi żmien ix-xita ħadd ma joqgħod idu fuq żaqqu. Miż-żgħir sal-kbir kulħadd bl-imgħażqa f'idu jnaddaf jew jaqla' l-ħaxix ħażin li jitrabba qalb iż-żrieragħ. It-tfal l-għors tagħhom fl-għalqa milli bilqiegħda fuq il-bankijiet ta' l-iskola. Ħafna drabi jgħidulek: "Il-kotba qatt ma saru mżiewed tal-qamgħirrun biex ikollna x'nitħnu bejn snienna."

Il-bdiewa ma għandhomx is-sistema tagħna għat-tisqija. L-ilma li hemm fil-bjar iservi biss għall-bżonnijiet ta' kuljum. Għaldaqstant jistennew ix-xita biex issaqqilhom l-għelieqi tagħhom. Hu minnu li żmien ix-xita hawnhekk huwa bejn ix-xhur ta' Mejju u Lulju. Madankollu l-bdiewa għandhom tama qawwija fil-mixja tas-Salib.

Smajt kemm-il darba min qal: "Qabel ma l-kattoliċi jimxu bis-salib fit-toroq tagħna hu kollu ta' xejn li wieħed jiżra' u jħawwel. Donnha li l-mixja tas-Salib saret bħal



magħmul biex idewweb is-sħab u x-xita ssaqqi ħidmet il-bdiewa.

Ngħid għalija ma nafx jekk din il-mixja hix magħmul jew talba ħerqana, imma dejjem jibqa' l-fatt li x-xita għat-tisqija tibda tinżel fi żmienha. Imma jekk il-mixja ġiebet magħha dan il-ħsieb qaddis, għaliex għandna narmuh? Dak li jagħti dehra tajba nkomplu mkabbruh.

## Il-fejqan

Ix-xita mbierka minn Alla fuq talb u kant ħerqan mill-mexxejja tas-Salib deher li għandu qawwa wkoll li jfejjaq lil xi marid.

Agnes hija id il-leminija għal ommha Marta. Għalkemm ma kellhiex ħafna żmien imma hija bħal mara magħmula. Ommha kienet itterraq minn raħal għal ieħor biex tbigħ xi ħaġa u ġġib id-dar għaxja ta' lejla għal uliedha. Agnes kienet tieħu ħsieb ta' kollox: iġġib l-ilma minn xi bir fil-qrib, tħuf għaz-zkuk niexfa biex issajjar bihom u tgħasses l-erba' mogħżiet li kellhom biex ma tħallihomx jieklu ż-żriegħ tal-ġirien. Ħutha, mill-kbir saż-żgħir, qatt ma naqashom xejn meta ommhom ma kinetx tkun id-dar.



Il-mard jiġi fuq kulħadd. Agnes ħassitha ma tiflaħx u, għalkemm baqgħet sejra bix-xogħol tas-soltu, saħħitha ma tathiex iżjed u ntelqet fis-sodda. Omma għamlet minn kollox biex issibilha d-duwa li għandha bżonn. Imma kien kollu ta' xejn.

Marta mhix mara ta' talb imma l-fidi li għandha taqsam il-blat. Il-ħin kollu tberren kif se tfejjaq lit-tifla.

Jum fost l-oħrajn għaddielha ħsieb minn moħħha bħal leħħa ta' sajjetta. "Ix-xita tas-Salib żgur li tfejjaq lil binti!" qalet bejnha u bejn ruħha l-omm imnikkta. Fl-aħħar mill-aħħar kien baqa' xi ġranet għall-mixja tas-Salib. Minn dak inhar li għaddielha dan il-ħsieb minn moħħha Marta ma qatgħatx titlob bil-ħerqa biex l-ilma tax-xita mbierek mill-mixja jfejjaq lil Agnes. Il-mixja saret u ma' l-ewwel ħalba xita li għamlet Marta mliet barmil ilma. Marret ġewwa u ħaslet lil bintha.

Ħaġa tal-għaġeb Agnes bdiet tistejqer. Ix-xita żdiedet u Marta ma naqsitx li żżid fil-mili tal-bramel. Mal-ħasla ta' kuljum kienet tisqija xi ftit ilma tax-xita mqaddsa. Agnes fieqet u ommha ma naqsitx li xxerridha ma' kulħadd li x-xita tas-Salib fejqet lil bintha.

Il-mixja bis-Salib hija ta' fejda għan-nies mhux biss għall-maħfra tad-dnubiet u għall-ħbiberija ma' Alla, imma wkoll tisħiħ ta' fidi f'ħajjet il-kattoliċi tagħna. ❑

## Jiktbilna P. Taddew Schembri OFMCap mill-Etjopja

Għażiż Fr. Joe,

Insellimlek fl-Isem Qaddis ta' Ġesù b'imħabba, bil-ferħ u bis-sliem tiegħu.

Ħadt l-ittra tiegħek fejn tajtni rendikont ta' l-għotjiet li tawk għall-missjoni fejn qiegħed jien. Inroddlok ħajr minn qalbi ta' dak kollu li qed tagħmel miegħi u mal-missjunarji kollha.

Nittama li għal Mejju niltaqgħu għax għandi niġi Malta. L-Isqof diġà tani l-permess biex, sakemm missieri għadu magħna, ninżel kull sena.

Ili ftit ma nieħu d-**Dawl Franġiskan**, forsi minħabba d-dawmien fil-posta. Dawk li rċevejt huma ħafna interessanti u wkoll ta' tagħlim. Jalla din ir-rivista ta' qari tajjeb tkun mezz ta' ġid għal kulmin jaqraha.

Tassew prosit u kompli aħdem biex il-messaġġ ta' Kristu jasal għand kulħadd. Hawn għatx kbir għall-kelma t-tajba. In-nies, speċjalment iż-żgħażagħ, iridu jitgħallmu biex isibu s-sewwa. Nixtieq li kelli ftit ħin biex niktiblek xi artikli. Nittama li nsib ħin biex nagħmel dan.

Agħmel kuraġġ u ħeġġeġ lill-*istaff* kollu biex tkomplu taħdmu għas-Saltna ta' Alla. Inselli għalikom ilkoll.

Waqt li nixtieqlek dak kollu li hu tajjeb għalik inwiegħdek it-talb tiegħi. Il-Mulej iberikna.

F'għaqda ta' talb u ta' mħabba ta' aħwa,

Ħuk
P. Taddew



# Patri Piju
# Konfessur u Penitent

minn Mary u Joe MALLIA - Responsabbli Grupp ta' Talb - M'Reġina, Marsa

***Il-Papa Pawlu Vi, magħruf għall-għerf u l-qdusija tiegħu, f'diskors li għamel fil-25 ta' Marzu 1970, wera t-tħassib tiegħu rigward is-Sagrament tal-Qrar jew kif qegħdin insejħulu llum, tar-Rikonċiljazzjoni. Dak inhar kien wissa hekk: "Aħna, in-nies ta' llum, qegħdin nitilfu s-sens tad-dnub". Il-Papa ta' qablu, Piju XII, ukoll kien stqarr: "Forsi l-akbar dnub fid-dinja ta' llum hu li l-bnedmin bdew jitilfu s-sens ta' x'inhu d-dnub."***

Bla ebda dubju fejn jissemma l-qrar irid jidħol ukoll isem Patri Piju, il-Kapuċċin minn Pietrelcina li bidel il-kunvent ta' San Giovanni Rotondo f'ċentru internazzjonali tas-Sagrament tal-Maħfra. Patri Piju hu wieħed minn dawk il-bnedmin straordinarji li minn żmien għal żmien Alla jibgħat biex iressaq lill-bnedmin lura lejh permezz ta' pariri, direzzjoni u assoluzzjoni tad-dnubiet permezz tal-qrar.

### Id-dnubiet qegħdin jonqsu?

Jekk wieħed joqgħod jifli sewwa t-tendenzi moderni dwar il-formazzjoni tal- kuxjenza, jinduna li d-dnub qiegħed jinħeba wara ħafna skużi. Hemm min isostni li l-individwu għandu d-dritt li jiddeċiedi hu x'inhu tajjeb jew ħażin għalih. Tissemma l-libertà tal-kuxjenza. Flok abort jgħidu tmiem ta' tqala mhix mixtieqa. L-użu tal-kontraċettivi qed jissejjaħ protezzjoni kontra l-mard, bħal ngħidu aħna l-*aids*.

Dawn u skużi oħra mhumiex ħlief attentat biex innaqqsu d-dnubiet u allura ma nħossux il-bżonn li nqerru ta' spiss; biżżejjed darba jew darbtejn f'sena. Il-ħasra hi li l-fenomenu ta' qrar aktar imbiegħed ma jinħassx biss fost il-poplu in ġenerali iżda diżgrazzjatament anki fost nies attivi fil-kamp reliġjuż.

### Sejħa għall-qdusija

Il-Konċilju Vatikan II jfakkarna fuq is-sejħa li aħna l-insara għandna għall-qdusija, u li biex wieħed jilħaq il-milja tal-ħajja nisranija jrid jiffrekwenta is-sagramenti li Kristu waqqaf apposta biex isostnu l-grazzja fina u jqaddsuna. Il-Qrar hu s-Sagrament li jeħlisna mit-toqol tal-ħtija u jnissel fina qalb safja filwaqt li jirrikonċiljana mal-Missier Etern u ma' ħutna l-bnedmin.

### Bniedem ta' penitenza

Eluf ta' nies ivvjaġġaw mili twal minn pajjiżi differenti lejn San Giovanni Rotondo jfittxu l-ħelsien spiritwali mingħand dan il-bniedem ta' penitenza, il-priġunier tal-konfessinarju, li ħajtu qattagħha fit-tbatija ma' Ġesù minħabba d-dnub. Il-qaddisin imutu għad-dinja biex isalvaw id-dinja; imutu ma' Kristu fuq is-salib biex iqumu miegħu. Hekk għamel Patri Piju. Għażel li jbati ma' Kristu biex isalva l-erwieħ. Mis-salib u mill-kustat miftuħ ta' Ġesù msallab tkebbset f'qalbu dik il-ħeġġa li wasslitu għaċ-ċaħda tiegħu nnifsu u għas-sofferenza. Ma kellux xi forma speċjali ta' qrar, iżda l-Mulej għanieh b'qawwa straordinarja li biha kien jinfed il-kuxjenzi u jistimola l-penitenti biex iqumu mill-ġdid għall-ħajja tal-grazzja u l-imħabba ta' Alla.

### Konfort fil-qrar

Il-Beatu Piju, barra li kien konfessur imfittex, kien hu stess ifittex li jqerr u dan kien jagħmlu ta' spiss ħafna. Għal ħafna dan il-fatt kien wieħed tassew kurjuż u kienu



Il-konfessjonarju li fih P. Piju kien iqatta' sigħat twal iqarar.

jitħawdu kif dan il-bniedem ta' Alla kien iħoss il-bżonn li jersaq lejn il-qrar bi frekwenza daqshekk kbira! Il-konfessuri tiegħu kienu jixhdu qdusitu. Wieħed minnhom, Padre Agostino, kien jgħid li Patri Piju qatt ma kkommetta xi dnub, lanqas venjal. Minn dan nitgħallmu li permezz tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni Ġesù daħħal il-ħajja divina f'min mgħandux u jkabbar il-preżenza ta' Alla f'min diġà jkun jgħammar. Barra minn hekk, Patri Piju kien mogħni b'kuxjenxa delikata ħafna u ried iżommha fi stat ta' safa' tal-ogħla grad. Qabel jiċċelebra l-quddiesa kien ifittex li jieħu l-assoluzzjoni, u kultant, meta ma kienx isib iċ-ċans li jqerr, lanqas kien jinżel iqaddes.

Il-fatt li Patri Piju kien isib il-konfort ta' ruħu fil-qrar għandu jifthilna għajnejna biex nagħrfu l-ħtieġa li nersqu għal dan is-sagrament, jekk mhux spiss ħafna, almenu b'mod regolari. Il-bniedem bid-dnub jonqos lil Alla u lill-proxxmu u għalhekk jeħtieġlu li jumilja ruħu u jistqarr ħtijietu mal-konfessur biex jakkwista l-maħfra mingħand Alla u jserraħ il-kuxjenza tiegħu.

## Lejn is-salvazzjoni

Naraw x'kienet tfisser qrara għand Patri Piju tal-Pjagi.

Raġel minn Padova, matul l-aħħar gwerra ngħaqad mal-partiġġjani Taljani. Dawn kienu bħal gwerillieri li kienu jiġġieldu ma' l-għadu biex jeħilsu lil pajjiżhom. Wara li spiċċat il-gwerra, dan l-individwu, imtaqqal kif kien mill-kuxjenza, ħaffef lejn San Giovanni Rotondo, inxteħet f'riġlejn Patri Piju u qallu: "*Padre*, jiena dnibt kontra l-kmandamenti kollha u saħansitra qtilt." Il-penitent kompla jirrkkonta hekk: "Jiena rajt lill-*Padre* jinbidel, wiċċu ħa bixra ta' tbatija enormi u kellu ħarsa li qatt ma rajt bħalha f'ħajti. Imbagħad, wara twissijiet iebsa ħafna, deher jegħleb reżistenza qawwija, u bi tbatija kbira lissen fuqi l-kliem ta' l-assoluzzjoni. Meta ħriġt barra, rajt kollox ġdid, in-natura, il-kuluri, in-nies u saħansitra s-sema. Jiena u miexi lejn id-dar ħassejtni qed intir, bla piż. Ma nistax infisser x'ħassejt wara dik l-assoluzzjoni."

X'kien ġara? Patri Piju kien qanqal il-Ħniena Divina, u permezz tas-Sagrament tal-Qrar ressaq ruħ oħra lejn is-salvazzjoni eterna. ❑

**Pellegrinaġġ fl-okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni tal-Beatu P. Piju**
**11-18 ta' Ġunju**

***(Titjira diretta Malta - Bari u Napli - Malta)***

Inżuru: San Giovanni Rotondo, Pietrelcina, Lanciano, Assisi, Ruma, Montecassino u Napli.
Il-pellegrinaġġ ser jitmexxa mid-diretturi spiritwali:
P. Joe Saliba OFMCap u P. Effie Mallia OFMCap
Tel. 21 828 157 / 21 663 130
P. Raymond Bonnici OFMCap Tel. 21 386 112/3
Brittania Services Tel. 21 245 418 / 21 238 039





# Tifkira ta' P. Kerubin Ellul OFMCap. 1927-2002



minn P. Franġisku AZZOPARDI OFMCap.

**Fl-ewwel żjara tas-sena 2002 li oħtna l-mewt għamlet lill-Provinċja tagħna, nhar l-14 ta' Frar, ħadet minn fostna lil Ħuna Patri Kerubin Ellul.**

"Agħmel il-ġid biex issib il-ġid". Hekk beda l-Provinċjal, P. Crispin Tabone, l-omelija fil-Quddiesa Konċelebrata tal-funeral *praesente cadavere* ta' P. Kerubin. "Dan kien wieħed mill prinċipji li kellu Ħuna Kerubin ... U żgur li l-Mulej laqgħu bil-ferħa, u ferrħu bil-premju ta' ġid li qatt ma ra bħalu, bħala premju tal-ġid li dejjem għamel ... fl-Isptarijiet mal-morda u mal-ħaddiema ..." kompla jgħid il-Provinċjal.

P. Kerubin kien bniedem popolari, magħruf ħafna għall-ħeġġa u l-entużjażmu tiegħu - kultant b'doża qawwija - biex jgħin lil kulmin kien jara f'xi ħtieġa. "Huwa ħabb, huwa ħadem ma' l-aktar pazjenti sfortunati u abbandunati. Issa fil-glorja tal-Ġenna jkompli jitlob għalihom. Ma ninsieh qatt". B'dan il-kliem Dr. Abraham Galea, *ex-Physician Superintendant and Director, Mount Carmel Hospital,* fisser is-sogħba tiegħu għall-mewt ta' P. Kerubin. Tabilħaqq, P. Kerubin għadda bosta snin f'ħidma pastorali mal-morda fl-Isptarijiet *St. Vincent de Paul* (Luqa) u *Mount Carmel* (Ħ'Attard).

Emmanuel Ellul, kif ġie msejjaħ fil-magħmudija, twieled fil-Ħamrun nhar it-8 ta' Awissu 1927 minn Anton u Marija, neè Cassar. Hu kien ir-raba' wieħed fost id-dsatax ulied li kellhom. Illum tnejn biss għad-hom ħajjin: Nazzarenu

*Fuq: P. Kerubin tifel (it-tieni mix-xellug fil-filliera ta' quddiem) ma' sħabu tal-klassi.*



*Lemin: P. Kerubin ġuvnott qabel ma' daħal mal-Patrijiet Kapuċċini.*



*P. Kerubin qed jiġi ordnat saċerdot mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace (29 ta' Lulju 1956).*



*P. Kerubin kellu ħafna għal qalbu l-annimali.*



*P. Kerubin bir-Relikwija ta' Sant'Antnin fl-Isptar Mount Carmel*
*Isfel: P. Kerubin ihejji għall-quddiesa fil-Kappella ta' l-isptar.*

u Merċedes. Ħafna mill-oħrajn mietu żgħar ħafna. Fi tfulitu ħa l-ewwel tagħlim mill-Iskola tal-Gvern fil-Ħamrun. Imbagħad għadda għal skejjel oħra, l-ewwel tal-*Brothers* ta' *De la Salle*, il-Kottonera, u wara tad-*Dockyard*. Fid-*Dockyard* beda bħala *Fitter & Turner*, sakemm spiċċa *Electrical Engineer'*.

Huwa kien wieħed mill-ħafna li trabbew fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945). Għalhekk kien jaf xi jfisser il-ġuħ u l-għaks. Billi missieru kien jaħdem fuq il-bastimenti tal-Flotta Ingliża, u kien ikollu ftit żmien mal-familja, Manwel beda jħabrek biex jaqla' xi sold hu wkoll biex jgħin lil ommu trabbi lilu u lil ħutu. Meta daħal id-*Dockyard* feraħ bis-sħiħ għax b'hekk seta' jgħin iżjed lill-familja bil-paga, żgħira kemm hi żgħira, imma fissa, li kien jaqla'. Fl-aħħar qatagħha li jidħol mal-Kapuċċini. Meta qal lil ommu, din, minkejja li kellha bżonnu, qaltlu iva bla tlaqliq u bdiet tibki bil-ferħ.

Hu minnu li, wara li għalaq 20 sena, Manwel beda n-Novizzjat fil-Kunvent tal-Madonna tal-Grazzja, Għawdex, fit-30 ta' Novembru 1947, bl-isem reliġjuż ta' Fra Kerubin mill-Ħamrun. Kif spiċċa n-Novizzjat huwa qabad l-istudji tal-Letteratura u tal-Filosofija fil-Kunventi tagħna stess sa ma wasal għall-Weghdiet Perpetwi li għamel fis-6 ta' April 1952. Bejn is-snin 1953-56 għamel il-kors tat-Teoloġija. Fit-tielet sena ġie ordnat Presbiteru nhar id-29 ta' Lulju 1956 mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Ġużeppi Pace, fil-Knisja ta' Sant Antnin, Għajnsielem, Għawdex. Sena wara l-ordinazzjoni nsibuh f'diversi Fraternitajiet tagħna. Huwa qeda l-ministeru tiegħu f'Għawdex, fil-Marsa (Trinità Qaddisa), fejn kien responsabbli minn *Jhansi Hall*, fix-Xemxija, u fil-Furjana. L-aħħar 10 snin għaddiehom Kappillan fl-Isptar *Mount Carmel*, Ħ'Attard.

Lil P. Kerubin konna nafuh bħala bniedem enerġetiku, ħaddiem u xi ftit *out-spoken*, imma fuq kollox kellu qalbu tajba u xi ċajta kien jaf jeħodha wkoll. Hu kien jagħmel attenzjoni kbira fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa u fil-Liturġija tas-Sigħat. Anzi ngħidu li kien aktarx rigoruż u xi ftit skrupluż. Għalkemm hu kien b'saħħtu u qatt ma marad fit-tul, f'dawn l-aħħar ftit snin mar lura ħafna, tant li kellu jmur l-Isptar San Luqa għall-kura, fejn miet nhar il-Ħamis, 14 ta' Frar 2002 ta' 74 sena u sitt xhur. Il-funeral tiegħu sar fil-knisja tagħna tal-Furjana b'Quddiesa Konċelebrata immexxija mill-Provinċjal, P. Crispin Tabone.

Billi dak iż-żmien kienet qed issir Laqgħa tal-E.E.C.C. fis-Seminarju Djoċesan f'Tal-Virtù, ir-Rabat, immexxija mill-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni P. John Corriveau bid-Definitorju tiegħu, ġie hu wkoll jikkonċelebra magħna. Fi tmiem il-Quddiesa, il-Ġeneral fisser is-sogħba tiegħu għall-mewt ta' Ħuna P. Kerubin, irringrazzja u wera l-ammirazzjoni tiegħu kemm għas-sehem sabiħ li ħadu l-Aħwa Kapuċċini , kif ukoll għall-paċenzja tal-familjari u oħrajn li mlew il-Knisja. L-Arċipriet ġdid tal-Parroċċa ta-Furjana, Fr. Richard Borg, ħa sehem ukoll.

Aħna wkoll b'fidi sħiħa f'ħajja oħra u bi kliem ta' faraġ nitolbu għalih kif soltu nagħmlu fil-Fraternitajiet tagħna, u nagħtu l-għomor lil ħutu, lin-neputijiet u lill-familjari u ħbieb tiegħu. P. Kerubin Ellul ġie midfun fl-oqbra tagħna fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid.

## APPREZZAMENT

Għażiż Father Joe,

Irċevejt Dawl Franġiskan illum. Ma nistax infisser fi ftit kliem x'ħassejt meta jiena u naqraha l-lejla ħadt l-aħbar li l-ħabib tal-qalb u tar-ruħ tagħna, Patri Kerubin Ellul, miet. X'għafsa ta' qalb! Fis-snin li ilna nafuh għamlilna tant kuraġġ! Kellu karattru ħanin immens, umli, u ċajtier fl-istess ħin. Inħoss dieqa kbira li daqshekk rajnieh. Kien devot kbir tal-Madonna.

Jalla diġà qiegħed jitlob għalina mill-Ġenna. Lil Patri Kerubin m'aħna se ninsewh qatt! Nirringrazzjak u prosit ħafna tar-rivista.

*Mrs. C. Attard u l-familja - Marsaxlokk*





*Meditazzjoni*

# F'riġlejn Ġesù l-Ħaruf tal-Għid tagħna

minn P. Charles DELIA SJ

Ħallini ngħidlek illum, Mulej;
dak li ili nħoss, u jsewwidli qalbi.
Jien naf li miegħek, u miegħek biss
nista' niftaħ qalbi bis-sħiħ, u nissen
bla ma naħbi xejn, id-dieqa, l-hena
l-almu u l-beżgħa, li bħal iħirsa
jgħammru fl-għerien ta' ruħi u qalbi;
Int ma tiħux għalik, għax taf u tara
il-fond, il-qiegħ fejn int milqugħ,
minn fejn jinbet il-ħsieb u l-ħsus
daqqiet ħelwin, oħrajn qalila, tiegħi!
Inti bħalek m'hawnx, għax tara u tħobb
lill-bniedem sħiħ; ma tintilifx fit-ton
jew fl-ebusija ta' xi kelma: qalbek kbira u tħobb wisq ...
X'fettillek mela, Mulej tħaddan il-faqar,
issib il-għożża fit-tbatija u fis-salib?
X'kien li ġibdek fil-foqra, fin-nies
imwarrba, il-midinbin, l-irmixk,
l-iskart tas-soċjetà? ... għaliex għażilt
li tkun ħaddiem fil-ħeba ta' belt żgħira;
li f'ħajtek minsi tkun, u qatt ma ridt
il-ħajja komda, mxaħxħa, mfissda,
jew "deċenti", jekk mhux lussuża,
bħan-nies, u mhux bla dar,
bla sold taħt rasek, bla "kumditajiet"?
Twelidt u bħala nieqa sibt maxtura!
Tajt l-aħħar nifs mgħajjeb u mdendel
fuq is-sodda tas-saħta bejn żewġ ħallelin!
U x'wegħedtna jekk "niġu wrajk", jekk "nagħżluk"?
Xejn ħlief "xortik" hawn fl-art, jekk miegħek niġu!
Ma nistgħux, Mulej, nistagħġbu bik
bil-ħajja tiegħek u ngħidu li nħobbuk
jekk ma nħobbux u ma nagħżlux, li ħabbejt int:
il-fqar u l-faqar, il-baxxi, lill-maħqura,
lill-muġugħa, lill-minsija, u bħalek
ma nfejqux il-mard, ma ninfaxxawx il-ġrieħi,
ma nitimgħux, ma naqsmux kulma għadna,
ma ninqasmux, ma nitfarrkux għal ħutna bnedmin!
Ma bsartx, Mulej, li billi twiegħed
Saltna li mhix ta' did-dinja, u ma
ssarrafx il-għażla tiegħek u l-ħidma
għas-Saltna, fil-flus, fil-ġid, fil-garanzija
ta' ħajja komda, futur żgurat, imżewweġ
bit-tlellix, iż-żina,s-"soċjetà", il-kapriċċi
il-vilel, l-ikel itiegħem, ix-xorb fin,
ma tantx ser jgħoddu dawk li jiġu wrajk?
Kont taf, ikolli ngħid, li ħafna u ħafna, ser
iġibu ismek u jgħidu li emmnuk, iżda
Jingħoddu fuq id waħda fosthom, dawk
li miegħek u bħalek, jippreferu jħobbu 'l min
ma jafx jgħid "grazzi", u m'għandux minn fejn
ipatti, ma jissemmiex, m'hu ħadd,
wieħed mill-ħafna, "injurant", mhux edukat.
ma jafx imur, miskin, ma jistednuhx,
mitluq, maħmuġ, ma tridux fejnek għax
traskurat - 'għażżien', 'jaħdem ma jridx'!?
Iżd'Int, lilhom għażilt u magħhom għext!
Akkost li tibqa' waħdek, għax ħbiebek
saħansitra, telquk ... u hekk, sal-lum!
Mulej int ġbitni għal warajk, iss' ilu żmien.
Ma kontx għadni ltqajt mal-faqar veru,
mal-uġigħ tal-qalb, ma rajtx dik il-moħqrija fina
ma smajtx il-krib ... kont għadni żgħir,
ma ħassejthiex dieħla in-niggieża
tal-hemm, u tat-tbatija ... ma nżiltx fl-infern
tal-bnedmin għal-bnedmin oħra ... ma kontx
nifhem u naf x'inhi il-kefrija ta' dil-ħajja qasira ...
Illum, li doqt il-morr u tegħemt il-qrusa,
li daqqiet kważi mewtuni
naf, ikolli ngħid, daqsxejn aħjar!
Forsi għalhekk, min jaf, xi darba
ġo moħħi jżiġġ 'l hawn u 'l hinn
il-ħsieb, u bħal ċima nħossha tiġbed
ix-xewqa, l-ħajra(!), it-tiġriba tan-"normalità" ..!
"Għalfejn?" - donnu hemm x'jgħidli -
"X'hemm jimla, jiswa, filli tagħżel
ħajja ta' ċaħda"? "M'hemm xejn ħażin,
- xorta tista' tħobb 'l Alla -
li l-ħajja tgħixha, u tgawdi s-sabiħ tagħha!
Mhux ġawhra sabiħa l-imħabba, it-tfal, il-kumpanija?
Għalfejn tbarri l-ġid jekk Alla jipprovdilek?
Għalfejn tħalli 'l ħaddieħor isawwar
il-ġejjieni tiegħek hu?
Għalfejn tissieħeb ma' min forsi "ma tridx"?

*(ikompli fil-ħarġa li tmiss)*

*Kultura Franġiskana*

# Knejjes u monumenti ddedikati lil San Franġisk t'Assisi fil-Filatelija

IR-RABA' PARTI

***Wara li ppreżentajna l-bolol li fihom jidher San Franġisk t'Assisi, f'din il-ħarġa ser nikkonċentraw fuq bolol oħra li juru knejjes u monumenti, li nsibu f'Assisi u fl-istat ta' San Marino, iddedikati jew f'rabta ma' San Franġisk. Iżda minħabba li f'din is-sena l-Italja għadha kemm ħarġet bolla oħra li fiha jidher San Franġisk ser ninkludu din il-bolla wkoll f'dan l-artiklu.***

minn *P. Martin MICALLEF OFMCap*




1. Fl-20 ta' Ottubru 2001, l-Italja ħarġet bolla sabiħa li tappartjeni għas-serje bit-tema tal-patrimonju artistiku u kulturali Taljan. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 800 l - 0,41 euro. Hija riproduzzjoni ta' waħda mill-pitturi ta' Marcino d'Alba li ġġib l-isem ta' "Il-Madonna bil-Bambin, bl-anġli, u l-qaddisin Franġisku t'Assisi u Tumas t'Aquino u żewġ persuni li ħallsu għal din il-pittura." Il-pittura hija kkonservata fil-*Municipio Completano.*




2. Fit-30 ta' Jannar 1926, l-Italja fakkret is-VII Ċentinarju mill-mewt ta' San Franġisk billi ħarġet sitt bolol. Dik li tinteressana hawn hija l-bolla li ġġib il-valur ta' 60 ċ. Il-bolla hija disinn tal-Prof. E. Del Neri u hija meħuda mill-inċiżjoni tal-Prof. F. Blasi. Il-bolla turi s-*Sacro Convento* u l-Basilika ta' San Franġisk f'Assisi. Din il-Basilika kienet inbniet bit-tħabbrik ta' Frate Elija fuq id-disinn tal-Maestro Jacopo.




3. L-istess bolla ġiet riprodotta mill-Kolonji Taljani fit-12 ta' April 1926, bħala waħda minn serje ta' ħames bolli. Il-pajjiżi involuti kienu ċ-Cirenaica, l-Eritrea, l-Oltre Giuba, is-Somalia Italiana, u Tripolitania.




4. Biex tfakkar is-Sena Mqaddsa, l-Italja ħarġet serje ta' żewġ bolol fid-29 ta' Mejju 1950. Il-bolla li tinteressa lilna hawnhekk hija dik li ġġib il-valur ta' 20 l, disinn ta' C. Mezzana. Il-bolla fuq kulur vjola turi l-Basilika ta' San Pietru fil-Vatikan imdawra minn bosta Santwarji u Basiliċi famużi li nsibu fl-Italja. Il-Basilika ta' San Franġisk t'Assisi tidher fin-nofs fuq in-naħa tal-lemin bejn il-Basilika ta' Sant'Antnin ta' Padova (naħa ta' fuq) u dik tal-Madonna ta' Loreto (naħa t'isfel).




5. Fl-istess data u għall-istess okkażjoni Trieste - Zona A ħarġet l-istess bolla bil-valur ta' 55 l fuq sfond blu. Il-bolla kienet tagħmel parti minn sett ta' żewġ bolol. Fuq il-bolla, in-naħa t'isfel hemm miktub *"Anno Santo MCML"* - Sena Mqaddsa 1950.




**6.** Fl-istess sena, jiġifieri fl-20 t'Ottubru 1950, l-Italja mill-ġdid ħarġet sett ta' 19-il bolla bit-tema ta' Reġjuni ta' l-Italja tajbin għax-xogħol. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 55 l hija disinn ta' C. Mezzana u hija meħuda mill-inċiżjoni ta' Nicastro. Hija tirrappreżenta r-reġjun sabiħ ta' l-Umbrija fl-Italja li fih San Franġisk qatta' ħafna mill-ħajja tiegħu jitlob u jxandar lil Kristu. Il-bolla turi raġel qed jaħrat b'żewġ barrin miegħu. Fuq l-isfond, imbagħad, tidher il-Basilika ta' San Franġisk u l-kunvent li hemm magħha magħruf bħala s-*Sacro Convento*. Ir-raġel li qed jaħrat jirrappreżenta lill-Fqajjar t'Assisi li ried jassimila lilu nnifsu ma' l-aktar fqar u umli u li jaqdi lil ħutu.







**7 u 8.** L-istess bolla reġgħet ħarġet minn Trieste - Zona A fl-20 t'Ottubru 1950 bil-valur ta' 55 l. Fuq il-bolla (naħa ta' fuq) jidhru l-ittri AMG-FTT. Imbagħad sena wara dan l-istess reġjun ta' Trieste reġa' ħareġ din l-istess bolla fl-okkażjoni tal-Fiera ta' Trieste 1951 kif juri l-kliem li hemm fuq din il-bolla, akkumpanjati mill-arma tal-belt.

**9.** Fl-1 t'Ottubru 1954, il-Vatikan ħareġ serje ta' żewġ bolol fl-okkażjoni tat-II Ċentinarju mill-elevazjoni għall-Basilika Patrijarkali u Kappella Papali tal-Knisja ta' San Franġisk li hemm f'Assisi. Il-bolla li tinteressana hawn hija dik li ġġib il-valur ta' 35 l, disinn ta' G. Lerario. Il-bolla turi l-faċċata tal-Basilika sabiħa. Fuq in-naħa tal-lemin tal-bolla jidher il-baldakkin u fuqu ċ-ċwievet u t-trirenju. Fin-nofs hemm l-ittra "T", li tirrapreżenta t-*Taw* li bih San Franġisk kien jiffirma l-ittra tiegħu, simbolu tas-salib. Bejn l-ittra "T" hemm l-ittri S.C. = *Sancta Crux* (is-Salib Imqaddes). Il-baldakkin huwa distintiv ta' l-unur li jirċievu dawk il-knejjes li jiġu ddikjarati




bħala Basilika Maġġuri jew Minuri. Fil-każ ta' l-ewwel, bħalma hija dik t'Assisi, il-baldakkin jista' jinġarr waqt il-purċissjonijiet.

**10.** Fl-4 t'Ottubru 1955, fl-okkażjoni tas-VII Ċentinarju tal-Basilika ta' San Franġisk f'Assisi l-Italja tatna bolla tassew sabiħa bil-valur ta' 25 l. Fiċ-ċentru tal-bolla naraw il-Basilika ta' San Franġisk flimkien mas-*Sacro Convento*. Fuq in-naħa tax-xellug, fuq, hemm id-data tal-bolla 1955, u fuqnett il-kliem *BASILICA DI SAN FRANCESCO - ASSISI*, filwaqt li isfelnett il-kliem *Repubblica Italiana*. Din ix-xbieha tinsab bejn żewġ disinji sbieħ. F'dak tan-naħa tax-xellug hemm l-arma Franġiskana, filwaqt li f'dik tal-lemin hemm l-Ittra "T" *(Taw)* li tifred l-ittri "S.C." - *Sancta Crux*. Biex nagħtu xi ftit tagħrif żgħir fuq din il-Basilika, proprjament hawnhekk għandna tliet knejjes fuq xulxin. Dik ta' fuq, magħrufa bħala l-Basilika Superjuri, hija l-akbar waħda, imżejna bl-affreski sbieħ ta' Giotto li juru episodji mill-ħajja ta' San Franġisk. It-tieni, hija msejħa, Basilika Inferjuri, li hija wkoll knisja mill-isbaħ imżejna b'affreski ta' pitturi magħrufa ta' l-epoka. Filwaqt li isfelnett hemm il-kripja sempliċi imma sabiħa li fiha hemm midfun il-Fqajjar t'Assisi. San Franġisk kien ġie ddikjarat qaddis fil-knisja ta' San Ġorġ f'Assisi. Erba' snin wara l-mewt tiegħu u sentejn wara l-kanonizzazzjoni tiegħu, il-fdalijiet tal-qaddis ittieħdu fil-knisja l-ġdida li kienet għadha kemm inbniet f'Assisi (illum, magħrufa bħala l-Basilika ta' San Franġisk). Kien l-24 ta' Mejju ta' l-1230.







**11.** Fl-okkażjoni tas-750 Anniversarju mill-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, in-Nicaragua ħareġ disa' valuri + fuljett li juru lil San Franġisk jew postijiet f'rabta miegħu. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 1 c turi s-sbuħija tal-bieb tal-Basilika Superjuri ddedikata lil San Franġisk f'Assisi. Il-bieb huwa tassew biċċa xogħol artistika li turi l-ġenjalità ta' l-arti ta' dak iż-żmien.

**12.** Bolla oħra f'din is-serje maħruġa minn Nicaragua fit-23 ta' Frar, 1978 u li ġġib il-valur ta' 25 c turi waħda mit-twieqi sbieħ li nsibu f'din il-Basilika ddedikata lil San Franġisk. Il-knisja mibnija bi



stil gotiku tirċievi ħafna mid-dawl tagħha minn dawn it-twieqi kbar li jdawlu l-affreski li jżejnu din il-knisja.




**13.** Sabiex tiġi mfakkra l-laqgħa ta' talb għall-paċi li kienet saret f'Assisi fid-9-10 ta' Jannar 1993, l-istat tal-Vatikan kien ħareġ bolla fid-9 ta' Jannar 1993 li ġġib il-valur ta' 4.000 l. Il-bolla hija riproduzzjoni ta' wieħed mill-affreski sbieħ ta' Giotto li nsibu fil-Basilika ta' San Franġisk f'Assisi, u li juri lill-qaddis ifejjaq wieħed marid. Ma' din il-bolla hemm oħra (bla prezz) li turi l-Basilika ta' San Franġisk f'Assisi, minn barra. Fuqha hemm miktub Assisi, Jannar 9-10, 1993. Imbagħad hemm miktub li jekk trid issib il-paċi mur iltaqa' mal-fqar. Taħt dan il-kliem hemm il-firma tal-Papa Ġwanni Pawlu II.




**14.** Fis-sena 2000, fl-okkażjoni tal-Ġublew il-Kbir, l-Italja ħarġet din il-bolla sabiħa biex tfakkar ukoll ir-restawr li kien sar fuq il-Basilika ta' San Franġisk ġewwa Assisi wara t-terrimot li kien sar fl-1997 u li fih din il-Basilika ġarrbet ħsarat kbar. Il-bolla turi l-faċċata tal-Basilika Superjuri u Inferjuri ta' San Franġisk u parti mill-kunvent. B'kapaċità kbira, l-artist ta' din il-bolla tana wkoll disinn b'linji b'kulur tad-deheb ta' l-istruttura tal-Basilika Superjuri minn ġewwa.




**15.** Bolla oħra fis-serje ta' 9 + fuljett maħruġa min-Nicaragua (ara nn. 11+12) iġġib il-valur ta' 5c. Din turi l-knisja ckejkna tal-*Porziuncola* li hemm taħt il-kopla mal-Basilika maestuża bi tliet navati - barra l-ħitan t'Assisi - iddedikata lil Sidtna Marija ta' l-Anġli. Dan il-post, San Franġisk kien akkwistah mingħand il-Benedittini ta' Subasio. Din il-kappolla kienet ġiet restawrata minn San Franġisk stess fl-1210. Kien hawn li hu laqa' l-ewwel Aħwa li xtaqu jingħaqdu miegħu biex jgħixu aħjar l-Evanġelju Mqaddes. Kien hawn li qata' xagħar Santa Klara. Kien hawn li San Franġisk irċieva l-Indulġenza magħrufa tal-*Porziuncola*. Kien f'dan l-imkien ukoll li miet San Franġisk nhar it-4 t'Ottubru 1226.




**16.** Fit-30 ta' Jannar 1926, fl-okkażjoni tas-VII Ċentinarju mill-mewt ta' San Franġisk, l-Italja ħarġet sett ta' sitt bolol. Il bolla li ġġib il valur ta' 40 c hija disinn tal-Prof. Francesco Blasi. Fuq kulur vjola, il-bolla turi l-faċċatta tal-knisja ddedikata lil San Damjan li tinsab barra l-ħitan tal-belt t'Assisi. Din il-knisja ċkejkna kienet ġiet restawrata minn San Franġisk fl-1207 wara li kien sema' l-kliem tal-kurċifiss - li kien hemm f'din il-knisja - jgħidlu: "Franġisku, mur u sewwi l-Knisja tiegħi, li kif qed tara qiegħda taqa'". Kien fil-monasteru li hemm ma' din il-knisja li għexet Santa Klara u s-sorijiet tagħha, u kien hawn li hija mietet.




**17.** Din l-istess bolla nerġgħu nsibuha maħruġa mill-Kolonji Taljani fit-12 t'April 1926. Il-pajjiżi involuti huma iċ-Cirenaica, l-Eritrea, l-Oltre Giuba, is-Somalia Italiana, u t-Tripolitania.

**18.** Fit-2 ta' Jannar 1928, fl-okkażjoni tas-VII Ċentinarju mill-mewt tal-Fqajjar t'Assisi, l-istat ċkejken ta' San Marino ħareġ serje ta' erba' bolol. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 1,25 l fuq sfond blu hija disinn ta' E. Federici. Hija turi l-knisja u l-kunvent ta' l-Aħwa Kapuċċini li nsibu f'San Marino. Quddiem din il-knisja jidher il-monument ta' San Franġisk, li kien ġie inawgurat mis-26 ta' Marzu 1926, xogħol ta' l-Arkitet E.Collomarini u skolpit minn S. Montegusti. Il-monument jikkonsisti f'kolonna li fuqha hemm bħal speċi ta' niċċa li fiha hemm l-istatwa ta' San Franġisk.







**19.** Din l-istess bolla reġgħet ġiet maħruġa mill-istat ta' San Marino fit-23 t'Awissu 1936. Li ġara hawn kien li ġie

mħassar il-prezz oriġinali tal-bolla li kienet ħarġet fit-2 ta' Jannar 1928, jiġifieri, l-prezz ta' 1,25 l u fuqu ġie impost il-prezz il-ġdid ta' 2,05 l.




**20.** Fl-1943 ir-Repubblika ta' San Marino ħarġet sett ta' 21 bolla. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 10 ċ hija disinn ta' R. Franzoli u turi dik li hija msejħa *"Porta di San Francesco"* jew *"Porta del Locho"*. Fuq in-naħa tax-xellug, jidher mill-bogħod parti mill-portiko ta' San Franġisk, li miegħu hemm kolonna żgħira li fuqha hemm salib. Il-knisja hija tas-seklu XIV u l-portiku kien ġie mibni fl-1631 minn Fra Lodovico Gelli. Meta, imbagħad, fis-seklu XVI kien ġie mibni t-torri msejaħ *"del Montale"*, il-bieb ta' San Franġisk, kif inhu msejjaħ, li kienu bnew il-patrijiet fl-1451 għall-kunvent tagħhom, sar "il-bieb tal-belt."




**21** Fis-27 ta' Awissu 1943, l-Istat ta' San Marino fakkar il-waqgħa tal-faxxiżmu b'din l-istess serje ta' 21 valur li fiha nsibu l-bolla li diġà tkellimna fuqha fin-n.20. Din id-darba fuq in-naħa ta' fuq, fix-xellug, hemm id-data tat-28 ta' Lulju 1943, fuq in-naħa tal-lemin 1642 F.R. Imħassar fuq in-naħa t'isfel huwa l-kliem *"Ventennale dei Fasci 1922-1942"*. Din l-istess bolla nsibuha wkoll bl-istess data tan-n.21 fl-okkażjoni tal-Gvern proviżorju f'San Marino.




**22.** Fis-16 ta' Frar 1961, bħala parti mill-propaganda turistika għall-istat ta' San Marino, din ir-Repubblika tatna serje ta' 4 bolol. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 30 l hija disinn ta' E. L'Orchera. Hija turi l-bieb ta' San Franġisk – bħal fin-numri 20 u 21 – li jidher minn angolu differenti.




**23.** Fil-25 ta' Ġunju 1970, ir-Repubblika ta' San Marino tatna serje ta' żewġ valuri. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 180 l hija disinn ta' R. Franzoni u turi mill-ġdid veduta oħra ta' dan il-bieb sabiħ ta' dan l-istat żgħir.




**24.** Fit-30 ta' Mejju 1978, l-Istat ta' San Marino ċċelebra l-Idea Ewropea b'serje ta' żewġ bolol. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 170 l hija stampata fuq sfond blu u aħdar. Din turi dik li hija msejħa *Porta del Locho o di San Francesco* (il-Bieb ta' San Franġisk) li sar is-simbolu tal-parteċipazzjoni ta' San Marino fl-Unjoni Ewropea.




**25.** Fit-28 ta' Awissu 1982, l-Istat ta' San Marino ħareġ Kartolina Postali biex ifakkar ir-Rivista li ġġib l-isem ta' *IL BAJOCCA*, maħruġa mill-assoċjazzjoni filatelika u numismatika ta' Rimini, li bdiet toħroġ mill-1955. Fuqnett, fin-nofs hemm il-kliem *"Republica di San Marino"*. Taħt dal-kliem fit-tieni vers, hemm miktub "Cartolina Postale." Fuq in-naħa tal-lemin fuqnett hemm riproduzzjoni ta' l-arma ta' San Marino u l-valur ta' dik li qed isservi bħala bolla, 200 l. Fuq in-naħa tax-xellug, imbagħad, minbarra l-kliem li jfakkar din iċ-ċelebrazzjoni, tidher fuq sfond blu, il-knisja ta' San Franġisk, li hija magħrufa aħjar bħala *"il Tempio malatestiano di Rimini"*.

***Dawn il-bolol huma xhieda oħra ta' l-imħabba u d-devozzjoni lejn il-Fqajjar t'Assisi.*** ❑

minn P. William AXIAQ OFMCap.

# Ridt tarbija akkost ta' kollox

*Father, jiena mara miżżewġa li jista' jkolli tfal imma r-raġel tiegħi mhux kapaċi jnissel. Ftit taż-żmien ilu din il-ħaġa tatni wisq ġewwa u għamilt biċċa minn tiegħi. Tlaqt mid-dar u mort ngħix għal ċertu żmien ma' ġuvni bit-tir li jkolli tfal minnu. Wara xi sena miegħu ddispjaċieni għalli għamilt, urejt lir-raġel tiegħi li ndimt u reġa' aċċettani lura għax, avolja għamilitlu tort, xorta waħda baqa' jħobbni. Issa qed jiġrili li qed nerġa' nibda nfur għall-persuna li mort ngħix magħha. Qegħdin jiġuni ħsibijiet fuqu mhux ħżiena daqskemm indifferenti: min jaf fejn qiegħed, min jaf x'inhu jagħmel, min jaf għadux jaħseb fija ... Jiena nħobb nieqaf fuq dawn il-ħsibijiet għax, ġaladarba mhumiex żienja, inħoss li ma fiha xejn nagħmel hekk. Inti, imma, xi tgħid?*

Qabel xejn għandek għax tirringrazzja ħafna 'l Alla talli erġajt lura lejn darek wara żmien ta' infedeltà lejn ir-raġel tiegħek ma' raġel ieħor. Nifhem li ħriġt diżappuntata fiż-żwieġ tiegħek għax ħsibt li se jkollok it-tfal u mbagħad sirt taf li tfal ma jistax ikollok minħabba l-fatt li r-raġel tiegħek huwa impotenti. Imma avolja kien hemm dan id-diżappunt kbir fiż-żwieġ tiegħek, qatt ma kellek titlaq lir-raġel biex ikollok tfal minn raġel ieħor, avolja dan ma ġarax. Minħabba f'hekk rodd ħajr 'l Alla talli mill-ġuvni li għext miegħu ma kellikx tfal għax kieku ġara hekk naħseb li ma kontx tirritorna mill-ġdid mar-raġel tiegħek. Kont tibqa' tgħix ħażin ma' l-ieħor. Iżjed u iżjed għandek tirringrazzja 'l Alla li r-raġel reġa' aċċettak lura. Dan huwa sinjal evidenti ħafna li jħobbok ħafna. Kieku ma kienx hekk, ma kienx se jaħfirlek u jerġa' jibda jgħix miegħek wara li għamiltlu biċċa bħal dik.



Nifhem li wara esperjenza ma' raġel ieħor tibqa' miġbuda lejh u tibqa' taħseb xi ftit fuqu. Ġrajja bħal dik mhux kemm titfiha malajr fik. Iżda trid tiftakar li ma jaqbillekx toqgħod tilgħab man-nar. Min jagħmel hekk fl-aħħar jinħaraq żgur. Irrealizza li tinsab f'sitwazzjoni imbroljuna u mwiegħra. Inti stess stqarrejt li jiġuk ħsibijiet fuqu li mhumiex ħżien la mill-aspett sentimentali u lanqas mill-aspett erotiku. Imma għandek tkun taf li proprju ħsibijiet bħal dawn jistgħu jerġgħu jagħmluhielek, jekk ma tidrax tikkontrollahom fil-pront. Fuq l orizzont tagħhom diġà jidher l-ispirtu tad-dnub. Mela toqgħodx tilgħab magħhom għax minn għalik li ma fihom xejn ħażin. Inti għedt li huma indifferenti. Jiena ngħidlek li huma hekk fid-dehra biss. Fir-realtà diġà qed iwittu t-triq għad-dnub.

Tinsiex li mara miżżewġa tkun infidila lejn ir-raġel tagħha mhux biss meta jkollha ħsibijiet ħżiena fuq raġel ieħor u toqgħod taħseb fuqhom apposta, imma anki meta jkollha ħsibijiet kif semmejt int u ma tippruvax ittajjarhom. Il-fedeltà, l-ewwel u qabel kollox, hija kwistjoni ta' ġenerożità u mhux ta' kalkolu bejn ħsibijiet indifferenti u oħrajn moralment oġġezzjonabbili. Mingħajr ma inti tintebaħ qed terġa' tisfa infidila mar-raġel tiegħek b'mod ġdid, għalkemm mhux daqshekk gravi bħal meta ħallejtu u mort tgħix mal-ġuvni li semmejt fl-ittra tiegħek.

Barra minn hekk, tagħmel tajjeb tikkonvinċi ruħek li l-ħsibijiet indifferenti, fil-każ tiegħek, maż-żmien ma jibqgħux hekk. Jibdew jiħżienu bil-mod il-mod. Disgħa u disgħin fil-mija jibdew jinqalbu fi ħsibijiet ħżiena, dawn imbagħad jibdew iwittu t-triq għal xewqat koroh u x-xewqat meta jaħmlu jistgħu jwasslu għall-azzjonijiet kontra s-sitt kmandament.

Mela tagħlaqx għajnejk fuq il ħsibijiet li qegħdin jiġuk u tqisx li ma huma xejn. Jekk tkompli tagħtihom il-lala jerġgħu jagħmluhielek. Naturalment, din id-darba b'mod iżjed allarmanti minn ta' l-ewwel.

Il-fatt li r-raġel tiegħek iħobbok bil-provi suppost jgħinek ħafna biex inti tixħet l-attenzjoni tiegħek u ħsibijietek fuqu biss. Jekk ma tagħmilx hekk terġa' issib ruħek fl-għali u l-istat ta' l-aħħar ikun agħar minn ta' l-ewwel. ❑



# KUBA u l-istorja tagħha

IL-SITT PARTI

minn *P. Philip CUTAJAR OFMCap*




## ĠEOGRAFIJA

Wara dak it-tagħrif storiku dwar il-gżira ta' Kuba tajjeb li issa nwasslilkom ftit informazzjoni dwar il-ġeografija, il-klima, il-popolazzjoni, ir-reliġjon u l-mużika ta' dan il-pajjiż. Dan huwa wkoll parti essenzjali mill-"inkulturazzjoni" li dwarha ktibt fil-bidu ta' din is-sensiela ta' artikli dwar Kuba. Il-missjunarju huwa ferm importanti għalih li mhux biss isir jaf, imma li aktar minn hekk isir midħla u familjari ma' dawn il-karatteristiċi li jkomplu joħorġu l-identità tal-poplu Kuban. Nemmen li dan huwa wkoll importanti għalikom biex tkomplu tifhmu aktar u tapprezzaw iżjed il-ħidma missjunarja tagħna ma' dan il-poplu. Tkun tafu fejn qed ngħixu u ma' min qed ngħixu.

Il-gżira ta' Kuba hija l-akbar gżira li tagħmel parti mill-arċipelagu Kuban. Warajha mid-daqs ta' kobor tiġi l-gżira hekk imsejjħa *"Isla de la Juventud"*. Dawn iż-żewġ gżejjer flimkien ma' 4.195 biċċiet żgħar ta' art (ħafna minnhom daqs ta' filfla, oħrajn daqs ta' Kemmuna jew Kemmunett) jiffurmaw l-hekk imsejjaħ arċipelagu Kuban. Dawn qegħdin imdawrin bil-baħar Karibew jew hekk kif uħud isejħulu *"Mar de las Antillas"*.

Kuba b'estensjoni ta' 110.922 kilometru kwadrati hija l-akbar gżira ta' l-Antillas. Din il-gżira b'popolazzjoni ta' madwar 11-il miljun ruħ, imqassma f'14-il provinċja, tinsab 140 km 'il bogħod mill-Bahamas, 180 km bogħod minn Florida (Miami), 210 km bogħod minn Cancun u 145 km mill-Jamajka. Minn tarf għall-ieħor tal-gżira għandek tul ta' 1.400 km filwaqt li mill-wisa' għandek fejn hu ta' 100 km u hemm fejn hu ta' 40 km. Din il-gżira hija meqjusa bħala "iċ-ċavetta tal-Golf" minħabba li permezz tal-pożizzjoni ġeografika tagħha hija tħaddan l-ibħra tal-Golf Messikan, mit-Tramuntana tħaddan l-Oċean Atlantiku u min-naħa ta' Nofsinhar għandha l-Baħar Karibew.

F'Kuba hawn tliet żoni li huma muntanjużi: *Sierra Maestra* (naħa t'isfel), *Sierra de Escambray* (fin-nofs tal-gżira) u l-*Cordillera De Guaniguancio* (naħa ta' fuq). L-ogħla muntanja hija *Pico Turquina*, għolja 1.974 metru u qiegħda fis-*Sierra Maestra*, in-naħa t'isfel ta' Kuba. Il-






bqija ta' l-art hija pjanura fertili li tipproduċi prinċipalment iz-zokkor (l-esportazzjoni prinċipali ta' Kuba) u t-tabakk (meqjus bħala l-aqwa tad-dinja). Hawn aktar minn 80 xmara li jwasslu għall-baħar. Il-maġġoranza ta' dawn ix-xmajjar Kubani huma qosra bl-ilma dejjem miexi. Tant huma qosra li mhux possibli tivvjaġġa fuqhom bil-vapuri bħalma jsir fi xmajjar kbar f'pajjiżi oħra. L-aktar xmajjar importanti huma *Cauto* (370 km) - din hija l-akbar xmara tal-pajjiż u hija navigabbli b'laneċ jew vapuri żgħar f'tul ta' 110 km biss minnha. Ix-xmara *Toa* li hi meqjusa bħala l-isbaħ xmara u l-aktar waħda fertili. Hemm ukoll ix-xmajjar *El Cuyaguateje*, *El Yurumi* u *El Sagua la Grande* fost l-oħrajn. Id-dawra tal-kosta ta' madwar Kuba tgħodd mal-5.746 km f'art li tmiss mal-baħar li minnhom hemm 289 xtut imrammla b'attrazzjoni turistika.



Min jixtieq jikkomunika ma' P. Philip Cutajar, jikteb: Parroquia Santa Ana, Ap.do. 144 - Santa Clara 50100 - Villa Clara - CUBA.
Tel. 0053 42 206 554 • E-Mail: dei@cocc.co.cu

# TURISTI MALTIN F'KUBA

In-numri ta' Maltin li jitħajru jgħaddu vaganza f'Kuba jidher li qed jiżdied. Matul dawn l-aħħar sitt xhur innutajt li kienu diversi l-Maltin u Għawdxin li ġew hawnhekk għall-mistrieħ tagħhom. U nemmen li ġew Kuba mhux biss għall-mistrieħ imma wkoll sabiex jiskopru s-sbuħija ta' pajjiż ieħor imżejjen b'kultura u storja flimkien ma' diversi użanzi interessanti. Fl-aħħar ħmistax-il ġurnata ta' Frar sirt naf b'10 Maltin li ġew Kuba għall-vaganza tagħhom. Sebgħa minnhom ġejt f'kuntatt dirett magħhom għax ġew iżuruni ġewwa Santa Clara u lkoll ħallew xiħaġa b'risq il-missjoni li qed inwettaq: wieħed minnhom ħalla medicina, ilbies u *toys* għat-tfal tagħna; is-sitta l-oħra, għalkemm kellhom l-ispejjeż tal-vaganza li kienu qed jagħmlu, ħallew xiħaġa tal-flus b'risq il-foqra u l-morda tal-parroċċa fejn qiegħed. It-tlettax l-oħra li ma ltqajtx magħhom, bis-saħħa ta' Dr. Joe Grech Attard mill-Mellieħa, fil-kunvent li għandna f'La Habana ħallew basket ġmielu mimli mediċina ferm utli flimkien ma' żewġ basktijiet oħra mimlija qomos, ħwejjeġ għan-nisa u t-tfal flimkien ma' affarijiet reliġjużi bħal domni, kuruni tar-rużarju, santi, eċċ. affarijiet li minn hawn ma nsibux nixtru sabiex inqassmu lill-insara tagħna. Lil dawn kollha nixtieq f'isem il-parruċċani tagħna nirringrazzjahom u nwegħduhom it-talb tagħna.

Quddiem din ir-realtà nixtieq nagħmel appell lil ħutna Maltin u Għawdxin li jagħmlu l-ħsieb li jiġu jgħaddu xi ġranet f'Kuba bħala vaganza.

**L-appell tiegħi huwa li ma' l-affarijiet personali li jtellgħu magħhom, itellgħu wkoll imqar 3 kilos mediċini.**

Kull ma tridu tagħmlu huwa li tavviċinaw lil: Fr. Joe Alessandro, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana, tel. 21 233 874 / 21 225 525 / 21 234 949. Huwa jagħtikom il-mediċina neċessarja. Nassigurakom li problemi mad-dwana ma jkollkomx. Meta tkunu *La Habana* ħallu l-pakkett tal-mediċina, bl-isem tiegħu fuqu, f'dan l-Indirizz:

**IGLESIA JESÚS DE MIRAMAR**
**5ta. AVENIDA, no 8003 entre 80 - 82**
**PLAYA 11.600**
**Tel. (00 537) - 2035 301**

Nirringrazzjakom bil-quddiem għal dan il-ġest ta' għajnuna missjunarja u ta' karità nisranija.

# Ġużeppi - Ifisser il-ħolm

minn Mons. Lawrenz SCIBERRAS

**Fil-letteratura Ebrajka Ġużeppi huwa magħruf bħala *tzadik* bi kliemna ġust, immela bniedem ta' eżempju, bniedem rett li tista' tafda b'għajnejk magħluqa, imseddaq. Fil-festa ta' l-għerejjex li tiġi ċċelebrata fl-ewwel ġimgħat tax-xahar ta' Ottubru, fost is-seba' patrijarki u profeti mistednin għal din il-festa, Ġużeppi għandu importanza prominenti ħafna.**

**Ġużeppi ġejja mill-kelma *yosèph*, ħalli joġbor, u hija miktuba għal 227 darba.**

## Karattru dħuli

Dan l-isem huwa wieħed kemm personali kif ukoll tribali. Iben Ġakobb u Rakel, il-ħdax-il tifel, (Ġen 30, 24; 35, 24) Ġużeppi huwa figura onorata fil-Kotba Mqaddsa. Il-ħajja ta' dan il-ġuvni speċjali daqskemm uniku għaddiet mill-faqar iebes għal għana kbir, minn ambjent fqir ta' Kanaan għal drappijiet fini ta' l-Eġittu. Imma għalkemm kien jum f'dan il-għana kollu u mdawwar minn numru kbir ta' qaddejja, dan kollu qatt ma tela' għal ras Ġużeppi. Huwa dejjem żamm lilu nnifsu żgħir, umli, lest li jgħin u jaqdi lil kulħadd. (Ġen 41, 14-16).

Minħabba ċerti favuri żejda ta' missieru Ġakobb lejn Ġużeppi, ħutu għeru bil-kbir għalih tant li biegħuh lil xi negozjanti ta' l-iskjavi u dawn ħaduh magħhom lejn l-Eġittu (Ġen 37). Waqt li kienet qiegħda ssir il-konfoffa kontra tiegħu, qabżu għalih u ddefendewh Ruben (Ġen 37, 21) u Ġuda (Ġen 37, 26) u hekk ħelisha mill-mewt li kienet ċerta. Meta wasal l-Eġittu Ġużeppi ġie mibjugħ lil Putifar. U hawn Ġużeppi beda għaddej minn provi l-aktar qawwija. Huwa kien ta' "sura sabiħa u wiċċu ħelu" (Ġen 39, 6b), tant li mart Putifar ħadet grazzja miegħu u għamlet minn kollox biex twaqqgħu fid-dnub. Meta dan Ġużeppi rreżista u ma ċediex, mart Putifar mimlija ħażen qalgħet malafama kontra Ġużeppi u xeħtet il-ħtija kollha fuqu. U sabiex issaħħaħ il-gidba faħxija li qalgħet fuq Ġużeppi mart Putifar żammet ħwejġu f'idejha (Ġen 39, 16). Ma kienx hemm triq oħra għajr li dan l-Għebrew jiġi mixħut il-ħabs fejn kienu magħluqa l-ħabsin tas-sultan.


*Ġużeppi jitniżżel fil-bir minn ħutu. Giusto de' Menabuoi. Padova - Battisterju tad-Duomo.*

Kien fil-ħabs fejn Ġużeppi fisser il-ħolm ta' tnejn minn nies. Wieħed minn dawn kien uffiċjal fl-istess dar ta' Putifar. Iżda dan kien għadu l-bidu ta' aktar tifsir tal-ħolm l-akbar waħda kienet dik li kellu l-istess Fargħun. Issa dan l-istat li minnu kien jgħaddi Ġużeppi diġà nsibuh fi tfulitu stess. Hekk darba waħda lil ħutu stess jgħidilhom li kien jorbot il-qatet u ħolom li ra l-qatta tiegħu tqum waqt li daru



**Fuq: Ġużeppi jaħrab mill-mara ta' Putifar li stednitu għad-dnub. Minjatura, Bibljoteka Nazzjonali, Firenze.**

**Isfel: Ġużeppi, wara mewtu, ibbalzmawh u qegħduh f'tebut l-Eġittu. Bibljoteka Ambrosiana, Milan.**

magħha l-qatet ta' ħutu l-oħra. Ħolma oħra kienet meta hu ra x-xemx u l-qamar u ħdax-il kewkba nxteħtu fl-art quddiemu (Ġen 37, 9).

Wasal iż-żmien meta Ġużeppi permezz ta' tifsira oħra ta' ħolma, din id-darba tal-Fargħun, Ġużeppi reġa' kiseb il-libertà: U minn ħabsi sar il-mexxej tas-saltna kollha. Hekk allura Ġużeppi seta' jikkonkludi li tassew ix-xemx u l-qamar tbaxxew quddiemu, u l-ħolma tiegħu issa saret realtà. Interessanti kif Ġużeppi kellu jħallas prezz qares ħafna għall-ħolm tiegħu, imma kellu jkun l-istess ħolm li wasslu biex isir il-viċi re ta' l-Eġittu. Nota pożittiva ħafna fil-karattru ta' Ġużeppi kienet l-umiltà kbira tiegħu. Meta ħareġ mill-ħabs u wasal sa l-ogħla post fil-pajjiż, Ġużeppi dejjem baqa' żgħir u ċkejken. "U Ġużeppi wieġeb lill-Fargħun u qallu: Mhux jien! Alla hu li jwieġeb b'risq il-Fargħun" (Ġen 41, 16).

## Sehem ma' ħutu

Ġużeppi ma kienx biss wieħed li joħlom, imma wkoll li jfisser il-ħolm. U dan iż-żagħżugħ dejjem għaraf 'l Alla bħala l-mexxej ta' ħajtu kollha. Ġużeppi wera għaqal kbir, imħabba ta' l-aħwa ma' kulħadd, kif ukoll sottomissjoni lejn Alla. Fuq kollox Ġużeppi wera bil-fatti li huwa kien kapaċi jaħfer lil ħutu kollha għall-mod tant iebes kif imxew miegħu. Anzi qaleb is-sitwazzjoni tant kerha ta' ħajtu li ġarrab, f'waħda pożittiva u li swiet ta' barka. Hekk difatti wieġeb lil ħutu: "Mela mhux intom bgħattuni hawn, imma Alla, u hu għamel minni missier il-Fargħun, sid daru kollha, u gvernatur fuq l-art kollha ta' l-Eġittu" (Ġen 45, 8).

Kien kapaċi jpatti d-deni bil-ġid, nota li ma tantx kienet komuni f'dawk il-postijiet. Aktar pjuttost it-tpattija: Li kieku Ġużeppi mexa bil-loġika ta' żminijietu, huwa kien jixħet il-ħabs lil ħutu l-oħra kollha. (Ġen 50, 16). U dan jipprova kemm tassew Ġużeppi huwa *tsadik*, bniedem ġust. Hawn tagħlima kemm tassew min jaħfer u jinsa sa fl-aħħar joħroġ dejjem rebbieħ. Għax mexa fuq dan il-prinċipju, Ġużeppi reġa' ra b'għajnejh lill-għażiż missieru Ġakobb.

Qabel ma miet Ġakobb, Ġużeppi ppreżenta liż-żewġ uliedu Manasse u Efrajm (Ġen 48) biex iberikhom, u jgħaddi l-primoġenitura tiegħu fuq Efrajm.

Ġużeppi kompla wera kemm kellu qalbu nobbli meta huwa ħa ġisem missieru Ġakobb mejjet mill-Eġittu u difnu fl-art tal-Kangħan. Wara mewt Ġużeppi, l-Għebrej kibru ħafna f'art l-Eġittu, u s-sultan ġdid li laħaq l-Eġittu u ma kienx jaf lil Ġużeppi beda jaħqar bis-sħiħ lil Lhud (Eż 1, 8).

Ġużeppi wkoll miet fl-art ta' l-Eġittu, però l-fdalijiet tiegħu ħaduhom u difnuhom f'Sikem (Ġos 24, 32). ❑



Niskopru t-Talb (1)

# San Franġisk u t-Talb

minn P. Frans ABELA GIUSTI OFMCap

L-EWWEL PARTI

It-talb hu rapport bejn bniedem u bniedem, jew bejn il-bniedem u Alla. Fit-tieni kas, it-talb mhux agħtini jew aqlagħli t-tali jew it-tali grazzja biss, imma hu radd il-ħajr, sejħa lil Alla għall-maħfra, għatx għall-intimità ma' Alla u smigħ silenzjuż ta' leħnu. Min natura tagħna aħna aktar imxaqilbin li nilqgħu dak li jogħġobna u jferraħna, u nwarrbu dak li jdejjaqna jew forsi nqisuh banali; esperjenzi li jistgħu jinbidlu f'talb. Fil-ħajja xejn ma jiġri bl-addoċċ, għax "lanqas għasfur tal-bejt ma jaqa' fl-art mingħajr ir-rieda tal-Missier" Mt 10,29. San Frangisk tant kien jitlob li biddel lilu nnifsu f'talb anki waqt mumenti ta' dwejjaq jew depressjoni. Kien iħobb jgħid: "Ma jixraqx li nidhru imdejqin, lanqas minħabba dnubietna, anzi bil-maqlub, dawn għandhom jikkalmawk u jġegħluk tifraħ għax Alla ħenn għalik u ħafirlek" *(Speculum perfectionis)*. Għax San Franġisk kien bniedem medhi b'Alla, għalih ma kien jeżisti xejn bla valur, tant li, mistoqsi għaliex mhux ta' min jarmi santi jew karti b'kitbiet qaddisa, wieġeb: "Mill-ittri ta' l-alfabet tista' tasal għall-isem qaddis ta' Alla, jew kliem li għandhom x'jaqsmu ma' Alla, għajn ta' kull ġid."

### Jitlob bla Ktieb tat-Talb

Żgur li lilna mhux ser jaħbtilna ma' rasna li f'ċerti ċirkustanżi nistgħu nibdlu t-talb, anke dak uffiċjali tal-Knisja, bħalma hi l-Liturġija tas-Sigħat, f'mezz ta' tkażbir personali, u nħossuna qegħdin nitolbu xorta waħda. Imma meta darba waħda Franġisku sab ruħu bla brevjar, u ried jirriċetah flimkien ma' Fra Leone, ma tmeżmiżx li flok il-Matutin beda jistqarr ripetutament li hu kien midneb, misħut minn Alla għal bluhat ta' żgħożitu, u, għalhekk, kien ħaqqu l-infern. U biex ikompli jkasbar lilu nnifsu ġiegħel lil Fra Leone jirrepeti warajh l-istess kliem li, miskin, avolja taħt ubbidjenza, flok ma obdieh beda jwieġeb bil-maqlub billi jgħidlu li hu mbierek minn Alla, għad imur il-ġenna ..., u dan, għax kull min jiċċekken jitgħolla. Hekk għaddew is-sahra tal-lejl sa ma żernaq il-jum, b'San Franġisk jibqa' jżomm lilu nnifsu bħala l-agħar bniedem u bi Fra Leone jwieġeb li hu kien ħabib kbir ta' Alla ... fost biki kbir u b'ħafna faraġ spiritwali (Fjuretti kap. IX). Storikament, veru jew mhux, dan l-episodju, meħud mill-ktieb tal-Fjuretti, ktieb mimli inġenwità mimlija mħabba dwar ġrajjiet ta' l-ewwel Patrijiet, li żejjen il-letteratura franġiskana, isaħħaħ l-argument kemm Franġisku kien bniedem mibdul f'talb, baqa' dejjem u f'kull ċirkustanza medhi b'Alla, anke waqt dawk li għalina bnedmin ordinarji jidhru assurdi jew banali. ❑



*Isfel: San Franġisk jirċievi l-pjagi. Pittura ta' Macrino d'Alba, 1506, Galleria Sabauda, Turin, Italja.*



# Id-delużjonijiet f'ħajjitna

minn *Marisa DEGABRIELE gi.fra.*

Kulħadd jgħaddi minn ħafna delużjonijiet fil-ħajja tiegħu, bħal ngħidu aħna relazzjoni ta' mħabba li tispiċċa, filli persuna b'saħħtek u filli timrad b'xi marda li jkollok iġġorrha ħajtek kollha, xi aċċident fuq il-post tax-xogħol u ħafna u ħafna oħrajn.

Meta persuna tgħaddi minn esperjenza kerha, jiġu fuqha mumenti ta' qtigħ il-qalb, dwejjaq, forsi anke dispramenti. Ħafna drabi, li jiġri hu li ninfexxu r-rabja tagħna f'ta' madwarna bħal familjari, il-ħbieb jew il-*partner* tagħna meta dawn ma jkollhom ħtija ta' xejn. Forsi, naslu wkoll neħduha kontra Alla.

U hawn hu l-iżball, għax li għandna nagħmlu hu proprju bil-kontra. Meta aħna nesperjenzaw mumenti diffiċli u nweġġgħu, kemm fiżikament kif ukoll emozzjonalment, għandna nġibu ruħna b'tali mod li dejjem tkun ta' rigal sabiħ għal ta' madwarha.




Mela kuraġġ ħbieb, ejja bi kliemna u b'għemilna nkunu ta' rigal għall-oħrajn u taraw kif żgur in-ħossuna aktar kuntenti u b'paċi kbira fil-qalb tagħna.

Id-delużjonijiet f'ħajjitna, noħduhom bħala l-mumenti ta' prova.

Ejjew nintelqu f'idejn Ġesù u nitolbuh b'fidi kbira biex jum wara l-ieħor Hu idawwalna u jurina kif għandna naffrontaw is-sitwazzjoni li nkunu għaddejjin minnha. ❑

# *Aħbarijiet Kapuċċini*

## Laqgħa ta' l-*European English-speaking Capuchin Conference (EECC)* f'Malta



Mill-Ġimgħa, 15 sas-Sibt, 16 ta' Frar 2002, inżammet f'Malta l-laqgħa ta' l-*EECC*. Għal din il-laqgħa, li saret fis-Seminarju ta' l-Arċisqof, f'Tal-Virtù, Rabat, ħadu sehem sebgħa u għoxrin Aħwa Franġiskani Kapuċċini minn ħdax-il pajjiż differenti tad-dinja, fosthom il-Ministru Ġenerali flimkien mad-Definitorju Ġenerali, il-Ministri Provinċjali ta' l-Ingilterra, ta' l-Irlanda u ta' Malta mad-Definitorju Provinċjali rispettivi tagħhom. Flimkien ma' dawn ġew ukoll, mill-Kurja Ġenerali, is-Segretarju Ġenerali flimkien ma' xi aħwa oħra li qed jaħdmu hemmhekk.



Matul din il-laqgħa, it-tliet Provinċji msemmija ppreżentaw ir-rapporti rispettivi tagħhom li fih semmew l-andament tal-Provinċja, problemi li jeżistu u x'qegħdin jippjanaw. Il-Ministru Ġenerali ta viżjoni panoramika ta' l-Ordni kollu u tal-programm tad-Definitorju Ġenerali għal dawn is-sitt snin li ġejjin. Id-Definituri Ġenerali u xi segretarji, li kienu preżenti, taw ukoll rapport tal-ħidma tagħhom fi ħdan l-Ordni Kapuċċin.

Kienet tassew laqgħa fraterna li ntlaqgħet tajjeb minn dawk kollha li pparteċipaw.

## Żewġ qaddisin Kapuċċini ġodda



*Injazju minn Santhià*



*Piju minn Pietrelcina*

Il-Vatikan, fis-26 ta' Frar 2002, ħabbar li ser isiru żewġ qaddisin Kapuċċini ġodda. Il-Beatu Injazju minn Santhià (Vercelli), li l-Papa Pawlu VI kien iddikjarah beatu fis-17 ta' April 1966, ser isir qaddis fid-19 ta' Mejju 2002. Fis-16 ta' Ġunju 2002, il-Papa ser jiddikjara qaddis lill-Beatu Piju minn Pietrelcina, jew kif inhu magħruf aħjar bħala P. Piju tal-Pjagi. P. Piju kien iddikjarat Beatu fit-2 ta' Mejju 1999.

## *Website* tal-kunvent u s-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja - Għawdex

Għadha kemm ġiet inawgurata *website* fuq il-kunvent u s-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, tal-Kapuċċini, Għawdex.

Il-*website* **http://kapuccinighawdex.freeservers.com** fiha tagħrif dwar il-Patrijiet Kapuċċini, is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, l-għaqdiet, San Franġisk, kif ukoll programm dejjem aġġornat ta' l-attivitajiet li jsiru fis-Santwarju.

Din il-*website* hija mħejjija minn Joseph Vincent Refalo, student, abbati u president tal-għaqda *Capuchin Teens*.




*Dehra ta' l-ewwel faċċata tal-website ġdida.*

## Apprezzament lejn P. Feliċjan Bilocca OFMCap

Fl-20 ta' Jannar 2002, il-Kunsill Lokali tal-Marsa ta għeħ lil P. Feliċjan Bilocca OFMCap billi inawgura bust tiegħu fi pjazza ċkejkna li tmiss mat-triq li kienet imsemmija "Triq is-Salib." Din it-triq issa ġiet imsemmija għal dan Huna. Dan sar biex tiġi mfakkra l-ħidma kbira li P. Feliċjan kien wettaq fil-Marsa meta kien kappillan hemmhekk bejn l-1946 u l-1958. Huna Feliċjan twieled fl-1 ta' Ġunju 1914, il-Floriana. Beda n-Novizzjat tiegħu fil-kunvent tal-Kalkara nhar it-22 ta' Settembru 1929. Fit-28 ta' Settembru tas-sena ta' wara huwa għamel l-ewwel Professjoni tiegħu f'dan l-istess kunvent. Ipprofessa l-aħħar voti tiegħu fi ħdan l-Ordni tagħna fit-23 ta' Ġunju 1934. Huwa ġie ordnat presbiteru fil-Kattidral ta' Għawdex fl-24 ta' Settembru 1938. Huna Feliċjan miet fis-7 ta' Mejju 1987.



*Is-Sindku tal-Marsa u s-Sur Jerry Bilocca (ħu P. Feliċjan) jikxfu l-monument.*

## COFFEE MORNING b'riżq il-missjoni tal-Kenja

Is-Segretarjat tal-Missjoni tal-Kapuċċini ser jorganizza *Coffee Morning* nhar it-Tlieta, 23 ta' April 2002, f'The Palace, Triq Ħal-Tarxien, Raħal Ġdid. Jibda fid-9.00 a.m. Prezz Lm1.50ċ. Kull qliegħ imur għall-Missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja. Biljetti mill-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana - Tel. 21 233874; 21 225525; 21 234949.

### PUBLIKAZZJONI ĠDIDA




P. Donat Spiteri OFMCap għadu kemm ippubblika ktejjeb, ta' 32 paġna, bl-isem ta' VOKABULARJU TAS-SALMI.

Kif jispjega tajjeb fid-daħla ta' din il-pubblikazzjoni, P. Donat jgħid li biex nitolbu bis-salmi, irridu nifhmu sewwa x'inkunu ngħidu. L-iskop ta' dan il-ktejjeb mhuwiex biss li jagħti t-tifsir tal-kliem Malti li bih naqraw is-salmi, imma wkoll li jagħtina s-sens sħiħ tal-kliem Lhudi li minnu ġejja t-tradizzjoni tagħna.

VOKABULARJU TAS-SALMI, pubblikazzjoni oħra tal Franġiskani Kapuċċini, huwa stampat fil-Veritas Press, Żabbar. Jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana, jew mill-Għaqda Biblika Maltija.



## Mill-ittri tal-qarrejja ...

• Għażiż direttur, ili ħafna ntella' u nniżżel saniex nabbona fir-rivista DAWL FRANĠISKAN. Dan minħabba l-professjonalità li biha hi ffurmata r-rivista u l-professjonalità u l-kompetenza li bihom huma mibnija l-artikli, mimlijin tagħlim bibliku, kateketiku u pastorali; minbarra l-informazzjoni fuq il-ħajja ta' l-Aħwa Kapuċċini f'Malta kif ukoll fl-artijiet tal-missjoni. Filwaqt li nawguralkom kull ħidma fejjieda, inselli għalikom. Grazzi

*A. Bartolo - Mdina*

• Dear Father, may I express my thanks and appreciation for DAWL FRANĠISKAN. I wait for the magazine and leave it at my clinic. People enjoy it and I am sure it does a lot of good. Much better than the crap we are fed up of. May the good Lord bless you for the great job you do. Cordially yours.

*V. Muscat - Birkirkara*

• Għażiż direttur tal-Missjoni, qed nibgħatlek ftit bolol għall-ġid tal-missjoni tagħkom.
Hadt pjaċir naqra r-rivista DAWL FRANĠISKAN speċjalment "Il-mara żienja", "Iħobbni, ma jħobbnix, iħobbni", Anniversarji ta' l-Aħwa Kapuċċini - 2001" eċċ. Nitolbu għal xulxin.

*Sr. F. Bonello OSA - B'Kara*

• Għażiż Fr. Joe, The Biblioteca Centrale Capuccini, which is also the Archive for Capuchin publications, receives regularly your beautiful review DAWL FRANĠISKAN, and we are very thankful to you for this fraternal collaboration. Peace and Good.

*Fr. L. Martignani - Rome*

*Novella*

# Tini Jdejk

minn *Jeanette FALZON*

Il-ġuvni b'xagħru mgerfex u bil-ġakketta tal-ġilda tinten bir-riħa tas-sigaretti ntefa' wara l-fila twila li kien hemm sa minn filgħodu kmieni bit-tama li jirreġistraw u jibdew jaqilgħu xi ħaġa iżjed waqt li jistennew li jitfaċċa xi xogħol. Il-ġuvni tal-ġakketta tal-ġilda reġa' qabbad sigarrett ieħor waqt li ħaseb li pakkett sigarretti żgur kien ser jaħlih fil-ħin twil li kellu jistenna biex ifittex jeħles minn dik il-biċċa wġigħ ta' ras.

Sa fl-aħħar kien iddeċieda li jagħmel bħal ħafna ġuvintur bħalu u nies oħra, jiġifieri jitlob l-għajnuna biex ifittex xogħol u joħroġ minn dik il-miżerja li kien waqa' fiha. Ma setax ikompli jserraħ fuq il-karità tan-nies u lanqas li jkompli jgħix u jorqod fuq xi bank ġo xi ġnien imwarrab. Kellu bżonn il-flus, u ikel x'jiekol. L-aħħar banju li ħa kien 'il bogħod wisq minnu u l-aħħar biċċa xogħol li ħadem lanqas biss baqa' jiftakar la x'kienet u lanqas meta.



Kien għad għandu tnejn u għoxrin sena Peter u kien diġà xjaħ b'dik id-daqna folta u dawk il-ħwejjeġ maħmuġin u mqattgħin. Kellu bżonn il-flus biex ikompli jixtri dak li kien qiegħed jgħixu iżda li kien joqtlu naqra naqra. Ħadd ma ried jgħinu iżjed għaliex kienu jistkerrhuh u jitqażżuh u hu ma riedx iżjed jitkarrab għal biċċa ħobż jew għal sigarrett. Kellu jerġa' jibda jaħdem biex forsi jkollu biex jixtri iżjed ħaxixa. Għal dik biss kien qed jgħix, għal dik biss ried jaħdem.

Hu u jistenna f'dik il-fila li dehritlu li ma tintemm qatt, ra soru mdaħħla sew fl-età ħierġa minn kamra fuq ġewwa tas-sala. Din, hekk kif ħarset lejh, tbissmitlu u baqgħet miexja.

Peter ma tax wisq każ u kompla jpejjep u jgerger, sakemm dik is-soru reġgħet lura u bit-tbissima qaltlu: "Inti mhux Peter? Naħseb sewwa qed naħseb!"

Il-ġuvni ħares lura u nduna li kienet qed tgħid lilu. Tkaża ftit iżda fil-pront reġa' ftakar fl-orfanatrofju li trabba fih u f'dawk is-sorijiet twajba li kienu jduru bih u bit-tfal iltiema jew abbandunati bħalu.

"Iva, jiena jisimni Peter ... ma nistax niftakar min int!" wieġeb il-ġuvni mimli kurżità, u s-soru weġbitu: "Jien Suor Aloisia .. kemm ... inbdilt! Kemm qed nieħu pjaċir nerġa' narak wara daż-żmien kollu. Ma smajtx iżjed bik wara li missierek reġa' ħadek miegħu. Staqsejt għalik iżda qatt ma smajt xejn fuqek."

"Inti Suor Aloisia? Kemm niftakrek żgħira. Iva, issa qed narafhom għajnejk. Tidher tajba, aħjar minni żgur" qalilha bit-tbissima.

"Ejja miegħi Peter ... mgħandekx għalfejn tibqa' tistenna. Naħseb sibtlek xogħol jien. Ejja, ibni, ħalli nitkellmu ftit!" qaltlu s-soru t-twajba. Il-ġuvni kkonfonda u staħa minnha. X'kien ser jgħidilha? Li kien telaq mid-dar ta' missieru għaliex kien isawtu u jaħqru; li kien ilu jiġri barra minn mindu kellu ħmistax-il sena; li kien waqa' fl-agħar vizzjijiet; li lanqas biss kellu dar fejn joqgħod u li kien sar kważi kriminal sabiex ikompli jgħix?"

Għamel kuraġġ u ħareġ mas-soru t'għajnejha ċari. Is-soru ma dehritx li kienet qiegħda tistħi miexja miegħu, anzi ra titbissem iżda ħosbiena.

Imxew għal ħin twil mingħajr ma lissnu kelma sakemm waslu fi ġnien fejn poġġew fuq bank.

"Għidli ibni, f'liema nasbiet waqajt? M'iniex ser

niġġudikak iżda ser nisimgħek biss" qaltlu s-soru b'paċenzja kbira.

"Sister jien ma jixraqlix la noqgħod ħdejk u lanqas li nkellmek. Jien raġel ħażin!" qalilha, biex forsi jaħrab milli jirrispondiha u jispjegalha ħajtu.

"Ibni, tiftakar meta ġabuk l-orfanatrofju kemm kont żgħir u marid, kemm ridt titgħallem tikteb u taqra, kemm kont tilgħab mat-tfal l-oħra, kemm-il darba waqajt waqt xi logħba fil-bitħa u jien kemm-il darba erfajtek u ħaddantek miegħi u kemm għamiltlek isfar mal-feriti ta' saqajk? Tiftakar kemm-il tajra tajjarna minn fuq il-bejt tal-orfanatrofju bil-moħbi tal-Madre, Alla jaħfrilha?Jien ma nsejt xejn minn dan, u anqas insejt kemm bkejt meta missierek ġie għalik dak inhar f'Novembru u kemm kotba kont nibgħatlek bil-posta biex tkompli titgħallem. Inti kont l-iben li Alla tani biex inrabbi jien bħala soru u bħala omm f'missjoni ta' mħabba.

Tgħidli x'tgħidli, mhux ser nitkaża u lanqas nitħassrek. Irrid biss ngħinek, nerġa' inrabbik fil-ftit li nista'. Għidli, ibni, għidli!" qaltlu s-soru bi tbissima.

Il-ġuvni beda jgħidilha kemm ra swat, platti jtiru, meta kien jara l-kotba li kienet tibgħatlu f'ħuġġieġa nar, id-dagħa li kien sama', meta telaq mid-dar ma' xi ħabib ieħor li wasslu għat-triq il-ħażina, is-serqiet li kien għamel biex iġib il-flus ħalli jixtri id-droga u s-sigarretti, l-iljieli rieqed quddiem xi kunvent u l-ġuħ li bata. Hu u jirrakkonta xtaq ipejjep ftit ħaxixa biex ittih il-kuraġġ u l-gazz ikompli jitkellem mingħajr ma jibki u jisħet 'l Alla. Il-vuċi tiegħu bdiet titriegħed bl-aptit li kellu għal naqra ħaxixa tant li ma felaħx iżjed u qam biex jitlaq minn ħdejha.

"Issa jkolli immur. Skużani ma sirtx ta' quddiem in-nies .... ma rridekx tarani hekk, qisni annimal bil-ġuħ" qalilha.

"Le, ibni, oqgħod naqra oħra. Il-lejla ser nagħtik fejn torqod u għada jkollok xogħol u għajnuna biex toħroġ mid-droga" qaltlu s-soru mbikkma."

"Ma rridtx għajnuna ... ma rridtx nidħol f'wieħed minn dawk il-postijiet mimlijin tobba u morda oħra bħali biex imbagħad ikolli nerġa' nitlaq u nerġa' nibda niġri fit-toroq. Tfittixnix, Suor Aloisia! Lanqas ħaqq il-kedda! Insieni bħalma nsieni Alla snin ilu! Jien waħdi bħal kelb għad irrid immut!" qalilha l-ġuvni b'idejh jirtogħdu.

"Ibni, la titlaqx. Ħallini ngħinek; agħtini idejk u ngħinek toħrog minn dil-gaġġa ta' ħażen u vizzjijiet. Alla ma nsiekx. Issa laqqgħak miegħi sabiex jien u oħrajn ngħinuk terġa' tibda tgħix ... titlaqx!" qaltlu. Iżda kien tard wisq għaliex il-ġuvni kien diġà telaq jiġri fid-dlam tal-lejl.

"Jien jisimni Peter u ma jiena xejn! Xkora skart lesta biex tiġi mormija ... kelb aħjar minni għaliex isib għadma x'jiekol u xi id li tmellsu ftit. Illum hawn u għada min jaf! Forsi jsibuni mejjet fuq xi bank jew bil-bard jew b'xi siringa f'idi" beda jgħid lilu nnifsu hekk kif sab ruħu bla nifs ħdejn il-baħar. Imbagħad ftakar f'ommu li kienet telqet lil missieru żmien ilu. "Għalxiex ħallietni miegħu, ma setgħetx issalva lili wkoll magħha? Jien mas-sorijiet biss kont ferħan, magħhom biss kont uman, għaliex ma ħallitnix hemm, għaliex ma ħallitnix ngħix? Suor Aloisia kienet ommi, hi biss ħabbitni!"

Ħaseb u beka dak il-lejl sakemm ma ra x-xemx tiela' fuq dak il-baħar imqalleb. Ma kellux ġuħ, lanqas bard, lanqas aptit il-ħaxixa. Xtaq biss jerġa' jara lil Suor Aloisia, jerġa' jħoss idejh f'tagħha u tgħidlu li kellu futur aħjar quddiemu. Beda miexi u waqaf sakemm ma wasal quddiem l-orfanatrofju li trabba fih. F'daqqa u l-ħin infetaħ il-bieb u hemm kienet Suor Aloisia tistennieh. "Kont naf li ġej! Ejja ibni ħalli tiekol ikla sew u tinħasel sew. Millum ser tkun bniedem ġdid! Alla jħobbok, għalhekk ġabek 'l hawn għandi. Ġib idejk ibni, idħol!" qaltlu s-soru bid-dmugħ f'għajnejha.

Meta Peter reġa' ħareġ minn dak l-orfanatrofju, kien sar bniedem ieħor. B'xagħru qasir, b'wiċċu nadif, bi ħwejjeġ nodfa u bi ktieb f'idejh. Peter ħareġ mill-orfanatrofju wara li kien mar iżur lis-sorijiet li rabbewh. Dak inhar fil-għodu kien ħareġ wara sena ta' kura mill-komunità fejn kienet ħaditu Suor Aloisia biex ifiq mill-vizzjijiet tiegħu. Issa kien liberu minn kull vizzju u ħsibijiet ħżiena tal-passat. Għada kien ser ilaqqa' lil Sabrina ma' Suor Aloisia u kien qed iħossu eċitat. Sabrina żgur kienet ser togħġob lil ommu s-soru u Peter kien ser jerga' jara dik it-tbissima ħelwa u sinċiera fuq fomm dik is-soru twajba li rabbietu.

"Kemm jien kburi bik ibni!" kienet tgħidlu spiss Suor Aloisia. Għalih dawn il-kliem kienu l-isbaħ mużika għal widnejh. Kliem li kienu għamlu sens kbir f'ħajtu, il-bidu ta' ħajja ġdida. ❑




**Għin lill-missjoni billi tiġbor u tibagħtilna:**

- Bolol użati ta' Malta u ta' barra.
- *Telecards* użati ta' Malta u ta' barra.
- Muniti qodma ta' Malta u ta' barra.
- L-irċevuti fiskali tal-V.A.T.
- Kotba bi stejjer fittizzji *(fiction)* bil-Malti u bl-Ingliż.

Dawn tistgħu tibagħtuhom fl-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana.
Nirringrazzjawkom ta' kull għajnuna li tagħtuna, żgħira kemm tkun żgħira.

## IS-SKIET LI AĦNA NGĦIXU FIH

*minn Prof. Oliver Friggieri*

Is-skiet li aħna ngħixu fih
għax Int, Mulej, ma titkellimx,
hu star li Int tinsab warajh
tistenna lilna li nkellmuk.

Mulej setgħan li ma tidhirx
u taħbi wiċċek mill-bnedmin,
bla ma narawk qed inħossuk
bħal riħ li jvenven kullimkien.

Mulej min jaf kemm Int sabiħ,
Mulej min jaf kemm Inti kbir,
b'dil-qalb li tajtna nistħajluk,
b'dal-moħħ li tajtna nistennewk.

Nisimgħu leħnek kullimkien
kull fejn hemm ħlejjaq li jħobbuk,
inħossu dellek ma' kull pass
kull meta nħarsu biex narawk.

Mulej li dejjem moħbi bqajt
biex dawn għajnejna ma jilmħukx,
semmagħna kelmtek meta trid
għax aħna rridu nisimgħuk.

Intix 'il bogħod, intix fil-qrib,
Int tħaddan l-art sat-trufijiet,
Int tinfed 'l hinn mis-sħab hemm fuq,
Int tinfed l-infed oċean.

Int kont u tibqa' tul iż-żmien
u qatt ma bdejt, qatt ma tintemm,
Int kullimkien u l-univers
hu żgħir għalik u ma jesgħekx.

Għalkemm b'għajnejna ma narawkx,
għalkemm b'idejna ma mmissukx,
Int tħuf u timraħ f'din il-qalb,
Int tishar magħna w ma torqodx.

## TISLIBA 23

*minn P. Wistin ATTARD ofm cap*



1. u 11. Sa dan u l-qanfud. (Sof 2, 14) (8)
2. Mhux favur ix-xmajjar u l-baħar. (Ħab 3, 8) (6)
3. Il-liġi *tax-xorti*. (Est 9, 32) (5)
4. Sidi li kien ġo hawn. (Lam 1, 15) (5)
5. Kellu wliedu kantanti. (Neħ 7, 44) (4)
6. Mifluġ u iktar. (Mt 8, 6) (5)
7. Ktieb *il-ħruġ* mill-Eġittu. (5)
8. Iqassmu l-art f'seba' minnhom. (Ġoż 18, 5.6) (5)
9. Bin ħu Abram. (Ġen 12, 5) (3)
10. Iġagħlukom .... (2 Tess 1, 6) (7)
11. Ara 1.
12. u 17. Il-ħdura ta' hawn nibtet (Ġoel 2, 22) (8)
13. Iddendel il-velu magħhom. (Eż 26, 33) (6)
14. Spirti li dinbu. (2 Pt 2, 4) (5)
15. *Agħlqu ħalqkom*, mela. (Ġob 13,13) (5)
16. Jiġik ħelu. (Prov 3, 24) (5)
17. Ara 12.
18. U ... minn fuq l-art. (Hos 2, 20) (7)
19. *Ħaffu!* Ġibulu l-isbaħ libsa. (Lq 15, 22) (4)
20. Missier Ħosegħa. (2 Slat 15, 30) (3)
21. Mit-tramuntana għal hawn. (Għam 8, 12) (5)
22. Żabad bin .... (1 Kron 11, 41) (5)

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' MARZU:**

*1. u 19. Maċedonja; 2. Emmaws; 3. Qabar; 4. Barka; 5. Ċipp; 6. Ħaruf; 7. Armla; 8. Aħija; 9. Efa; 10. Arkippu; 11. u 12. Issopu; 13. Premju; 14. Ħoreb; 15. Ninwe; 16. Sadid; 17. Kalma; 18. Oħoliba; 19. ara 1; 20. Eva; 21. Ejjew; 22. Injam*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħa ta' dan ix-xahar hija:**
**MS. ĊETTINA SULTANA - Żabbar**

Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1997).

# "Is-sejħa għall-qdusija"

## Siltiet mill-Messaġġ tal-Papa għall-Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet 2002

"Lill-maħbubin kollha ta' Alla msejħin biex ikunu qaddisin: grazzja lilkom u sliem mingħand Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu" (Rum 1, 7). Dan il-kliem ta' l-appostlu Pawlu lill-Insara ta' Ruma jdaħħalna fis-suġġett tal-Jum Dinji li jmiss ta' Talb għall-Vokazzjonijiet: 'Is-Sejħa għall-qdusija'. Din hija l-grazzja u l-għan ta' kull min jemmen, kif ifakkarna l-ktieb tal-Levitiku: "Għandkom tkunu qaddisin, għax qaddis jien, il-Mulej Alla tagħkom" (19, 2).

Il-ħidma ewlenija tal-Knisja hija dik li tmexxi lill-Insara fit-triq tal-qdusija, biex, imdawlin mill-għarfien tal-fidi, ikunu jistgħu jagħrfu u jikkontemplaw il-wiċċ ta' Kristu u fih isibu mill-ġdid l-identità awtentika tagħhom infushom u l-missjoni li l-Mulej jafda lil kull wieħed u waħda minnhom.

Ġaladarba l-Komunità Nisranija hija l-post fejn jesprimu ruħhom id-diversi vokazzjonijiet li l-Mulej iqajjem, fil-kuntest tal-Jum Dinji ta' Talb li ser isir fil-21 ta' April 2002, ir-Raba' Ħadd ta' l-Għid, ser isir fl-Amerika ta' Fuq it-Tielet Kungress Kontinentali għall-vokazzjonijiet għas-saċerdozju ministerjali u għall-ħajja kkonsagrata.

Il-Knisja hija "d-dar tal-qdusija", u l-imħabba ta' Kristu, imsawba mill-Ispirtu s-Santu, qiegħda f'ruħha. Fiha, l-Insara jgħinu lil xulxin biex isibu u jattwaw is-sejħa tagħhom billi jisimgħu l-Kelma ta' Alla fit-talb, billi jieħdu sehem b'assidwità fis-Sagramenti u ma jeqfux ifittxu l-wiċċ ta' Kristu f'kull wieħed u waħda minn ħuthom.

Kull vokazzjoni fil-Knisja qiegħda għall-qadi tal-qdusija. Iżda xi vokazzjonijiet, bħalma huma l-vokazzjoni għas-saċerdozju ministerjali u l-ħajja kkonsagrata qegħdin b'mod speċjali u kollu kemm hu uniku, għall-qadi tal-qdusija.

Il-vokazzjoni għas-saċerdozju ministerjali "fil-qalba tagħha hija sejħa għall-qdusija fis-sura li għandha l-bidu tagħha fis-Sagrament ta' l-Ordni Sagri. Il-qdusija hija intimità ma' Alla, hija l-imitazzjoni ta' Kristu, li kien fqir, safi u umli, hija l-imħabba bla riżervi għall-erwieħ u hija l-għotja tagħna nfusna għalihom u għall-ġid veru tagħhom" *(Pastores dabo vobis, 33).*

Il-ħajja kkonsagrata turi n-natura intima ta' kull sejħa nisranija għall-qdusija u l-isforzi tal-Knisja-Għarusa kollha biex tiltaqa' ma' Kristu, "l-għarus waħdani tagħha". "Il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi hija marbuta mill-qrib mal-misteru ta' Kristu u għandha d-dmir li b'xi mod tagħmel preżenti l-mod ta' ħajja li Ġesù nnifsu għażel u wera bħala valur eskatoloġiku assolut" *(Vita consecrata, 29).*

Hemm bżonn li nużaw il-mezzi kollha biex niżguraw li l-vokazzjonijiet għas-saċerdozju u l-ħajja kkonsagrata, li huma essenzjali għall-ħajja u l-qdusija tal-Poplu ta' Alla, ikunu dejjem fil-qalba ta' l-ispiritwalità, tal-ħidma pastorali u tat-talb tal-fidili.

Il-familji huma msejħin biex jagħtu sehem importanti ħafna għall-ġejjieni tal-vokazzjonijiet fil-Knisja. Il-qdusija ta' l-imħabba bejn il-koppja miżżewġa; l-armonija tal-ħajja tal-familja; l-ispirtu ta' fidi li bih jiġu affrontati l-problemi tal-ħajja ta' kuljum; is-sens ta' aċċettazzjoni ta' l-oħrajn, l-aktar ta' dawk l-aktar fqar u s-sehem fil-ħajja tal-komunità nisranija jsawru l-ambjent adatt għat-tfal fil-familja biex jisimgħu is-sejħa ta' Alla u jwieġbu għaliha b'mod ġeneruż.

"Itolbu lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (Mt 9, 38; Lq 10, 2). B'ubbidjenza għall-kmand ta' Kristu, kull Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet jidher bħala mument ta' talb intens, li jiġbor lill-komunità nisranija sħiħa f'talb bla waqfien u mħeġġeġ lil Alla għall-vokazzjonijiet.

Jalla Sid il-ħsad jipprovdi ħafna vokazzjonijet saċerdotali u reliġjużi għall-Knisja tiegħu!



# BORŻA TA' STUDJU



Xogħol fir-raba'



Professjoni



Studju

**Jekk tixtieq tgħin iż-żagħżagħ Kapuċċini Kenjani biex isiru saċerdoti reliġjużi tista' tagħti Borża ta' Studju.**

**BORŻA TA' STUDJU hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tinqasam bejn is-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin jistudjaw. Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.**

***Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil***

**Fr. Joe Alessandro,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini,**
**Floriana**
**Tel: 21 233 874 / 21 234 949**
**21 225 525**



Ordinazzjoni Sacerdotali



Xogħol fid-dar



Fraternità



Talb